MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2008

Appell Civili Numru. 480/2002/1

**Francis Paris, Anthony Abela, Frank Abela, Michael Abela, Joseph M. Agius, Nicholas Agius, Charles Aquilina, Joseph Attard, Joseph Attard Cassar (b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Lulju, 2004, gew illegittimati l-atti f'isem Fortunata Attard Cassar u ta' Sergio u Nadija ahwa Attard Cassar peress li l-attur Joseph Attard Cassar miet fil-mori tal-kawza), Aldo Azzopardi, Carmel Azzopardi, John P. Bartolo, Anthony Bartolo, Robert M. Bartolo, Roger Bartolo, Paul R. Bezzina, Albert C. Blake, John A. Blake, Maurice Bonnici, Robert V. Bonnici, Frank J. Borg, Gaetano Borg, Hector Borg, Austin Borg Cardona, Michael Briffa, Edward Bristow, Eric Brockdorff (b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Lulju, 2004 gew trasfuzi l-atti f'isem**

**Josephine Brockdorff u uliedha Nathalie mart it-tabib Consultant Andre' Castillo, Raymond u Philip peress li fil-mori tal-kawza miet l-attur Eric Brockdorff), Andrew Buttigieg, Harry J. Cachia, Lewis Camilleri, Michael Cann, Edward Cann, Charles L. Cassar, Godfrey Cassar Trigona, Edward H. Chetcuti, John Chetcuti, Gerald Clarke, William SF. Coleiro, David Crisp, Edward Critien, Joseph A. Critien, George M. Curmi, John L. Curmi, Julian C. Cuschieri, Alfred Degabriele, Joseph A. Demarco, John Dingli, Joseph Ellul (b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Lulju, 2004 gew trasfuzi l-atti f'isem Concetta armla minn Joseph Ellul, u ta' Marthese Ellul, Josianne mart Vincent Zammit, Angele armla minn Mario Ellul f'isimha propju u f'isem il-minuri Jurgen Ellul, binha u bin l-imsemmi zewgha peress li fil-mori tal-kawza miet l-attur Joseph Ellul), Peter J. Farrugia, Henry Fenech, Maurice Fiorini, George Fleri Soler, John Formosa, Paul Friggieri, Antoinette Garrone, John Gatt, Francis X. Giorgio, Edwin Grech, Austin Grixti, Joseph Grixti, Cecil A. Jones, Ignatius G. Jones, John Leone, Francis Mallia, Michael Mallia, Michael Mangion, Constantin Martin, Albert Mifsud, Henry Mifsud, Joseph Mifsud, Paul Mifsud, John Naudi Manche', Emanuel Pace, Albert Pace Cole, Alexander L. Pace, Carmel Pirotta, Carmel J. Pisani, Francis X. Pisani, Alexander Randon, Anthony V. Rizzo, Charles Rogers, Francis Rossi, Francis X. Sammut, Victor Sant, Telesforo Scerri, Saviour Sciberras, Joseph Smith, Elic Sollars, Thomas St. John, Gerald Tanti (b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Frar, 2003, qed jassumi l-atti flok il-mejjet Gerald Tanti, l-armla tieghu, martu Emanuela u ibnu Emanuel sive Noel Tanti), Frank Trevisan, Joseph M. Vella, Joseph F. Vella, Joseph Vigar, Herbert A. Warrington, Henry Warrington, Oscar A. Zammit, Lawrence Zerafa Boffa, u Edwin Zrinzo, (li llum huma irtirati mis-servizz)**

**u**

**Anthony Agius, Emanuel Bonello, Mario Borg, Josette Borg Cardona, Joseph Briffa, Patricia Bugeja, Joseph**

**Busietta, Joseph Cachia, Anthony Farrugia, Guido Farrugia, Peter G.A. Farrugia, Joseph Formosa, Alfred Galea, Louis Gauci, Carmel Gauci, James C. Harney, David J. Hopkins, Andrew J. Micallef, Francis Micallef, Francis P. Micallef, Carmel Mifsud, Julian Mifsud, William Mock, Raphael Naudi, Carmel J.T. Pisani, Julian Rogers, Anthony Sant, John Sant, Louis Sant, Alfred Spiteri, Joseph Tabone, Rose Marie Tabone, Charles Zammit, Ronald Zarb, (li llum ghadhom fis-servizz),**

**kif ukoll, fejn huwa l-kaz,**

**Rita Parnis, Filippa Abela, Angela Abela, Margaret Abela, Sally Agius, Giovanna Agius, Theresa Attard, Fortunata Attard Cassar, Myra Azzopardi, Melita Azzopardi, Doris Bartolo, Carmen Bartolo, Olympia Bartolo, May Bartolo, Agnes Bezzina, Ann Blake, Vincenza Blake, Maria Concetta sive Connie Bonnici, Carmelina Borg, Kate Borg, Rose Borg, Yvonne Briffa, Agnes Bristow, Josephine Brockdorff, Phyllis Buttigieg, Rose Cachia, Mary Camilleri, Scolastica Cann, Rita Cassar, Odette Cassar Trigona, Candida Chetcuti, Yvonne Clarke, Nancy Coleiro, Sandra Crisp, Dora Critien, Gladys Critien, Rose Curmi, Rose Mary Curmi, Mary Cuschieri, Mary Degabriele, Lilian Dingli, Evelyn Farrugia, Elvira Fenech, Maria Fleri Soler, Annunziata Formosa, Mary Friggieri, John Garroni, Rose Gatt, Emma Grech, Josephine Grixti, Catherine Grixti, Edwige Jones, Mary Jones, Doris Mallia, Grace Mallia, Yvonne Mangion, Connie Martin, Giovanna Mifsud, Maria Mifsud, Connie Naudi Manche, Louise Pace, Sylvia Pace, Cettina Pace Cole, Doris Pirotta, Annie Pisani, Theresa Pisani, Mary Magdalene sive Marlene Randon, Marion Rizzo, Concetta Rogers, Josephine Rossi, Connie Sammut, Irene Sant, Gemma Scerri, Carmen Smith, Marie Therese Sollers, Patricia St. John, Emanuala Tanti, Janet Trevisan, Mary Vella, Mary Vigar, Doris Warrington, Joan Warrington, Agnes Zammit, Antoinette Zrinzo, Mary Agius, Madeleine Bonello, Mary Borg, Mary Briffa, Mary Louise Busietta,**

**Bernadette Cachia, Doris Chetcuti, Concetta Ellul, Maria Dolores Farrugia, Rita Farrugia, Mary Louise Farrugia, Rose Mary Formosa, Rita Galea, Lore Harney, Vivian Hopkins, Evangwelista Micallef, Carmen Micallef, Rose Micallef, Benny Mifsud, Joyce Mifsud, Mary Pisani, Nathalie Rogers, Carmen Sant, Maria Sant, Joyce Sant, Marianne Sciberras, Doris Spiteri, Marthese Tabone, Josephine Zammit, Rose Zarb, in-nisa ta' l-atturi u b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Lulju, 2004 gew ammessi bhala parti fil-kawza in statu et terminis. Theresa armla minn Anthony Borg u ta' Joseph, Mary Pace mart Michael Rita Camilleri mart Raymond Carmen, xebba u Julian, ahwa Borg u b'digriet tal-4 ta' Settembru, 2007 il-gudizzju fir-rigward tad-decujus Robert V. Bonnici gie trasfuz f'isem Maria sive Mariella Muscat u George Bonnici; fir-rigward tad-decujus Austin Borg Cardona gie trasfuz f'isem martu Josette Borg Cardona; fir-rigward tad-decujus Edward Cann gie trasfuz f'isem uliedu Maria Dolores sive Doreen Cann u Giuliana Micallef Cann; fir-rigward tad-decujus Michael Mangion gie trasfuz f'isem martu Yvonne Alma Mangion; fir-rigward tad-decujus Edwin Zrinzo gie trasfuz f'isem martu Antoinette Zrinzo u f'isem it-tlett uliedu Maryanne, Patrick u Andrew ahwa Zrinzo; fir-rigward tad-decujus Anthony Abela gie trasfuz f'isem uliedu Marvin, Julian u Carlo ahwa Abela, kif ukoll f'isem mart id-decujus Filippa Abela; fir-rigward tad-decujus Frank Abela gie trasfuz f'isem bintu Rose Mary Abela, kif ukoll f'isem mart id-decujus Angela Abela; fir-rigward tad-decujus Vincenza Blake gie trasfuz f'isem uliedha Maryanne, Rosanne, Lucienne, Stephen u Jason ahwa Blake, kif ukoll f'isem zewg id-decujus John Anthony Blake; fir-rigward tad-decujus Yvonne Briffa gie trasfuz f'isem l-erbat itfal taghha Yvette Debono, Jeanette Gauci Maistre, Rosalie u Michael Briffa; fir-rigward tad-decujus Rita Cassar gie trasfuz f'isem uliedha Frances, Josephine, Anne u Mary sive Mariella ahwa Cassar, kif ukoll f'isem zewg id-decujus Carmelo Cassar; fir-rigward tad-decujus Rose Curmi gie trasfuz f'isem zewg id-decujus George Curmi; fir-rigward tad-decujus Maria Degabriele gie trasfuz**

**f'isem uliedha Catherine, Lawrence u Martin ahwa Degabriele, kif ukoll f'isem zewg id-decujus Alfred Degabriele; fir-rigward tad-decujus Carmela Sammut gie trasfuz f'isem uliedha Mary mart John Manser, Josephine mart David Tink, Constantino, Carmelo u Rita mart Emanuel Grech ahwa Sammut, kif ukoll f'isem zewg id-decujus Francesco Saverio Sammut; fir-rigward tad-decujus Maria Vella gie trasfuz f'isem uliedha Monica mart John Mifsud, Lucienne mart Mario Bonnici, Victoria mart Paul Caruana u n-neputija taghha Cristienne Vella (ID. no. 34582 M), kif ukoll f'isem zewg id-decujus Joseph Vella; u b' digriet tad-9 ta' Novembru 2007 il-gudizzju fir-rigward tad-decujus Francis X. Pisani gie trasfuz f' isem martu Teresa Pisani u f' isem il-hames uliedu Alex, Simon, Rita Labandero, Roderick u Mark; fir-rigward tad-decujus Doreen sive Dora Critien gie trasfuz f' isem zewgha Edward Critien u f' isem iz-zewg uliedha Peter u Edward; fir-rigward tad-decujus Caterina sive Catherine Grixti gie trasfuz f' isem zewgha Joseph Grixti u f' isem it-tlett uliedha Antoinette Zammit, Diane Heidmeyer u Denise Fouillet; u fir-rigward tad-decujus Louis Gauci gie trasfuz f' isem Carmelo Gauci u Josephine Micallef u b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2007 Teresa Pisani u Joseph Grixti gew mahruga barra mill-kawza.**

**vs**

**Maltacom plc u b'digriet tal-21 ta' Dicembru 2007 l-isem "Maltacom p.l.c" gie sostitwit bl-isem "GO p.l.c."**

Il-Qorti:

**I. <u>Preliminari</u>**

L-atturi kienu ppresentaw citazzjoni pprezentata fis-26 ta' April, 2002 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn ippremettew illi:

*Huma kienu impjegati mal-Cable and Wireless Limited u wara, mat-twaqqif tal-Korporazzjoni Telemalta, huma saru*

*impjegati, mal-istess Korporazzjoni u sussegwentement mal-Maltacom p.l.c.; u*

*L-istess Korporazzjoni Telemalta kienet intrabtet li taghmel ghal impjegati taghha skema ta' pensjoni simili ghal dik li ihaddem il-Gvern, "the Corporation will introduce a pension scheme similar to that operated by Government. A special provision will, however, be made to ensure that employees over the age of 50 years at the time of take-over will be entitled to a pension based on their years of service with the Corporation" (vide klawsola numru 8.1 tal-ftehim tat-23 ta' Lulju, 1975 tad-Dokument "A", konfermat b'iehor tal-5 ta' Novembru, 1981 tad-Dokument "B"). Dan il-ftehim kellu jkollu effett mil-1 ta' Jannar, 1975; u*

*L-Korporazzjoni Telemalta naqset milli timplementa din l-iskema ta' pensjoni favur dawn l-impjegati taghha, u l-Maltacom p.l.c., li dahlet fid-drittijiet u obbligi li kellha l-Korporazzjoni Telemalta, ghadha sallum qeghda tirrifjuta li timplementa l-imsemmi ftehim; u*

*L-atturi ex impjegati tal-Cable and Wireless Limited gew b'hekk imcahhda mid-dritt taghhom ghal pensjoni li twieled mal-ftehim imsemmi u ghadu jghodd sallum; u*

*Il-pensjoni tal-Gvern hija kalkolata ghal zewg terzi tal-paga li jkollu l-impjegat fid-data li jirtira, immoltiplikata bin-numru ta' xhur ta' servizz u diviza bin-numru hames mija u erbghajn (540), u ghalhekk fuq din l-istess formula kellha tigi mahduma u mhallsa l-pensjoni lill-atturi ex impjegati tal-Cable and Wireless Limited; u*

*In-nuqqas tal-implementazzjoni tal-imsemmi ftehim jammonta ghal att ta' diskriminazzjoni kontra l-atturi;*

*Prevja dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, illi r-rifjut tal-implimentazzjoni tal-imsemmi ftehim huwa diskriminatorju,*

*L-atturi talbu li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex dik il-Qorti m'ghandiex:*

*1. tiffissa zmien qasir u perentorju li fih il-Maltacom p.l.c. timplimenta l-iskema ta' pensjoni skond il-ftehim imsemmi liema skema tkun applikabbli ghal kull wiehed u wahda mill-atturi ex impjegati tal-Cable and Wireless Limited fuq il-bazi ta' paga u zmien ta' servizz li japplika ghal kaz tieghu jew taghha; u*

*2. F'kaz li jkun ghadda inutilment it-terminu hekk prefiss, tiddikjara li dak il-ftehim jigi jorbot bis-sahha ta' l-istess sentenza;*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji u dik ufficjali tas-27 ta' Settembru, 2001, u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra lilhom spettanti skond il-ligi;*

Is-socjeta konvenuta eccepit:-

*1. Preliminarjament, l-atturi iridu jgibu l-prova li huma kienu impjegati mas-socjeta' Cable & Wireless Ltd., mal-Korporazzjoni Telemalta u sussegwentement mas-socjeta' eccipjenti, u fejn hu l-kaz il-prova li huma effettivament il-konjugi ta' dawk mill-atturi li kienu hekk impjegati;*

*2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-ftehim tat-23 ta' Lulju, 1975 u dak tal-5 ta' Novembru, 1981 ma ghadhomx validi u vinkolanti, u dan stante li saru diversi collective agreements sussugwenti bejn il-Korporazzjoni Telemalta/is-socjeta' eccipjenti u it-trade unions li ma jinkludu ebda obbligu fuq il-Korporazzjoni/is-socjeta' eccipjenti illi timplimenta skema ta' pensjoni, u ghalhekk dawn il-ftehim gew "superceded' mill-collective agreements sussegwenti. Ghaldaqstant, is-socjeta' eccipjenti ma qieghda bl-ebda mod tonqos minn xi obbligu kontrattwali;*

*3. Subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nulli u/jew insostenibbli stante li ma jispecifikawx b'mod car u inekwivoku dak li l-atturi qieghdin jippretendu li s-socjeta' konvenuta ghandha taghmel. Skema ta' pensjoni hija skema li minn natura*

*taghha hija komplessa u hemm diversi forom, kundizzjonijiet u termini li din tista' tiehu;*

*4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma insostenibbli stante li ai termini tal-ftehim fuq imsemmi, l-iskema ta' pensjoni kellha tkun wahda "similar" (mhux identika) ghal dik tal-Gvern, u ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti giet moghtija diskrezzjoni fid-decizjoni taghha ta' x'tip ta' skema ta' pensjoni tintroduci, sakemm din l-iskema tkun wahda simili ghal dik tal-Gvern. Ghaldaqstant bir-rispett kollu, la dina l-Onorabbli Qorti u wisq inqas l-atturi ma jistghu legalment jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik tas-socjeta' esponenti, u jiddettaw x'forma ghandha tiehu din l-iskema;*

*5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma insostenibbli, stante li ai termini ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta ta' l-1975 (Kap.250) u l-Att li Jirregola t-Telekommunikazzjonijiet ta' l-1997 (Kap. 399), is-socjeta' eccipjenti hija legalment impeduta milli timplimenta xi skema ta' pensjoni minghajr l-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli ghat-telekommunikazzjonijiet, liema approvazzjoni la qatt intalbet u lanqas giet moghtija. In oltre, l-atturi ma humiex qieghdin jitolbu li dina l-Qorti tissindika l-ezercizzju ta' diskrezzjoni tal-Korporazzjoni Telemalta, korp imwaqqaf b'ligi, tal-Ministru responsabbli ghat-telekomunikazzjoni u tas-socjeta' eccipjenti;*

*6. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma insostenibbli ghaliex jekk jigu milqugha, jikkostitwixxu ksur ta' ligijiet ta' ordni pubbliku, senjatament l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) u l-Att dwar is-Sigurta Nazzjonali ta' l-1956 (Kap. 147), li jirregolaw u/jew kienu jirregolaw l-ammont massimu ta' pensjoni li persuna tista' tircievi;*

*7. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma insostenibbli stante li l-atturi ma ghandhomx interess guridiku jipproponu l-kawza odjerna, meta wiehed jikkunsidra li kieku ghall-grazzja ta'*

*l-argument, il-Korporazzjoni Telemalta u s-socjeta' eccipjenti implimentat jew timplimenta xi skema ta' pensjoni – irrespettivament mill-forma u l-kundizzjonijiet li tali skema tigi moghtija, u l-kundizzjonijiet u t-termini taghha – xorta jibqa' l-fatt li l-ammont ta' pensjoni li l-atturi kienu jircievu minghand il-Korporazzjoni Telemalta jew minghand is-socjeta' eccipjenti, kien ikun dedott mill-pensjoni ricevibbli minnhom ai termini ta' l-Att dwar is-Sigurta Socjali u/jew l-Att dwar is-Sigurta Nazzjonali;*

*8. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma insostenibbli stante li jekk jigu milqugha, l-atturi jigu igawdu arrikiment ingust, stante li l-atturi ma jistghux jippretendu li huma intitolati ghal xi pensjoni – kalkulata unilateralment minnhom – fi skema ta' pensjoni li qatt ma ezistiet, u li ghaliha huma qatt ma kkontribwew jew ippartecipaw;*

*9. Is-socjeta' eccipjenti mhux qieghda tagixxi b'xi mod diskriminatorju;*

*10. Inoltre t-talbiet attrici jinsabu preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;*

## II. <u>Is-sentenza appellata</u>

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili b'sentenza moghtija fis-7 ta' Ottubru 2004 ddecidiet din il-vertenza kif gej:-

*"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi, fl-ewwel lok, tilqa' d-disa' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tichad it-talba tal-atturi ghal dikjarazzjoni li l-agir tas-socjeta' konvenuta huwa wiehed diskriminatorju; fit-tieni lok, tqies li l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata bil-provi; u fit-tielet lok, billi tichad it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba', it-tmien, u l-ghaxar eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, u wara li tilqa' in parte it-tieni eccezzjoni, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront ta' dawk mill-atturi li rtiraw mis-servizz qabel l-1 ta' Ottubru, 1992, jigifieri, il-hamsa u tletin persuna indikata aktar qabel, u ghall-fini tal-ewwel talba tipprefiggi terminu ta' tlett xhur millum biex is-socjeta' konvenuta timplimenta skema ta'*

*pensjoni ghall-atturi indikati a bazi tal-ftehim li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1975, liema skema ghandha titqies li ddahlet f'operazzjoni fl-1 ta' Jannar, 1975, u li ghandha jkollha bhala l-qafas taghha l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93), salv il-modifiki patwiti, tkun non kontributorja u bl-ammont tal-pensjoni jkun sa massimu ta' zewg terzi ta' l-ahhar salarju tal-impjegat koncernat; f'kaz li s-socjeta' konvenuta tonqos li timplimenta skema tal-pensjoni fi zmien hawn indikat, il-Qorti tordna li l-iskema titqies implimentata b'effett ta' din is-sentenza, ghandha titqies li dahlet fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1975, u ghandha titqies li tkun tikkomprendi l-artikoli 6, 7, 10, 12 u 13 sa 18, tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), bil-modifiki mehtiega minhabba c-cirkustanzi partikolari tal-kaz u bil-modifiki mehtiega minhabba dak li gie espressament patwit fil-ftehim li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1975."*

*"L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkustanzi, jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta."*

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"*Ikkunsidrat:*

*"Illi f'din il-kawza l-atturi, kollha ex impjegati tas-socjeta' Cable and Wireless Limited u li gew assorbiti mal-Korporazzjoni Telemalta (illum is-socjeta' konvenuta Maltacom p.l.c.), qed jitolbu l-implementazzjoni tal-iskema tal-pensjoni skond il-ftehim tal-1 ta' Jannar, 1975. Skond klawsola numru 8 ta' dan il-ftehim, li jittratta fuq pensjoni, gie miftiehem hekk;*

*"It is understood that the Corporation will introduce a pension scheme similar to that operated by the Government. A special provision will, however, be made to ensure that employees over the age of 50 years at the time of take-over will be entitled to a pension based on their years of service with the Corporation.*

*"Where a former Cable and Wireless employee dies in the service of the Corporation before the introduction of a pension scheme, the Corporation may grant to his widow,*

*or if his widow has predeceased him, to his minor children, a gratuity of an amount not exceeding his annual salary including any cost of living increases.”*

*“Jirrizulta bhala fatt li la l-Korporazzjoni Telemalta u lanqas is-socjeta’ konvenuta li succediet warajha ma implimentaw skema ta’ pensjoni ghal ex impjegati imsemmija skond kif gie miftiehem.*

*“Gio nonostante, jirrizulta li l-Korporazzjoni Telemalta, tal-anqas f’cirkustanza wahda, adoperat it-tieni parti tal-klawsola imsemmija, u dan peress li, wara li sar il-ftehim, miet certu Salvu Ellul, ex impjegat tal-Cable and Wireless Ltd, u martu inghatat il-gratuity kontemplat fil-paragrafu 2 tal-klawsola 8. Fil-fatt kif xehed William Cutugno fil-kawza “Camilleri vs Galea Debono nomine” (citazzjoni numru 1202/93), li kien il-Finance officer tat-Telemalta fl-1976, mart dan Ellul thallset somma ekwivalenti ghas-salarju tieghu ta’ sena, u dan fuq instructions tac-Chief Executive tal-Korporazzjoni. Is-Sur Cutugno fil-fatt xehed hekk:*

*“Bejn l-1975 u l-1981 miet xi hadd illi kien impjegat mal-“Cable and Wireless” u mbaghad sussegwentement mat-“Telemalta”. Naf li kien miet certu Salvu Ellul li kien impjegat mal-“Cable and Wireless” u sussegwentement mat-“Telemalta”. Huwa miet fit-28 ta’ Lulju, 1976. It-“Telemalta” hallset lill-armla tieghu salarju ta’ sena ta’ “one thousand seven hundred and forty seven pounds (Lm1,747). Il-“gratuity” li nghatatlu kienet tammonta ghas-salarju tieghu ta’ sena u l-“cost of living increase”. Li thallas skond l-“agreement” u precizament il-klawsola 8 paragraph 2”*

*“L-istruzzjonijiet li ta’ s-Sur Tabone, ic-Chief Executive, wkoll jirreferu ghal dan il-ftehim. Fil-fatt, f’memorandum intern li hu hareg fid-29 ta’ Lulju, 1976, l-ghada li miet Salvu Ellul, hu jaghti istruzzjoni lis-Sur Cutugno biex isir il-hlas relattiv, u jghid hekk:*

*“As you are aware Mr. Ellul passed away yesterday. In Terms of Article 8.2 of the Agreement covering staff formerly employed of Cable & Wireless a gratuity of an*

*amount not exceeding his annual salary, including any cost-of living increases is to be paid to his widow and minor children.*

*"I should be grateful if you will take the necessary steps to pay a gratuity equal to his salary on death plus cost-of-living increases as early as possible to his widow and minor children. Please clear with our lawyer with regard to the payment of that part of the gratuity to the minor children of the late Mr. Ellul."*

*"Fir-rigward tal-iskema tal-pensjoni, fl-Accounting Policy tal-Korporazzjoni Telemalta ghas-sena li taghlaq fil-31 ta' Marzu, 1948 (recte: 1984*), *kien hemm provision li tghid hekk:*

*"In accordance with section 29 of the Telemalta Corporation Act, 1975, the Board is currently studying the form which the Pension Scheme, intended to be set up for the employees of the Corporation, should take".*

*"L-artikolu 29(1) tat-Telemalta Corporation Act kien jipprovdi illi:*

*"Subject to the approval of the Minister and so far as consistent with the provisions of this Part relating to public officers who accept permanent employment with Telemalta and to other government employees trasferred to service of Telemalta, the Board may establish a scheme or schemes for the payment of superannuation allowances, pensions or gratuities to officers and servants of Telemalta Corporation who retire from the service of Telemalta Corporation or otherwise cease to hold office with Telemalta Corporation by reason of age, or of infirmity of body or mind or of abolition of office".*

*"Il-Qorti tinnota li fil-waqt li dan l-artikolu tal-ligi jipprovdi li l-Korporazzjoni "<u>may</u> establish" skema ta' pensjoni, il-ftehim iffirmat fl-1 ta' Jannar, 1975, jipprovdi b'mod tassattiv li l-Korporazzjoni "<u>will</u> introduce" skema ta' pensjoni simili ghal dik li kienu jgawdu dak iz-zmien il-haddiema tal-Gvern.*

*"Fl-Accounting Policy ghas-sena li taghlaq fil-31 ta' Marzu, 1979, il-provision fuq il-pensjoni giet taqra hekk:*

*"The Corporation has deferred its decision on the implementation of a pension scheme covered by section 29 of the Telemalta Corporation Act 1975, pending further developments in connection with the establishment of a national pension scheme"*

*"Fl-Accounting Policy ghas-sena 31 ta' Marzu, 1980, il-provision dwar il-pensjoni giet taqra hekk:*

*"In view of the provisions of the National Pension Scheme, whereby all employees will receive a pension on retirement, the Corporation has decided that the establishement of a separate pension scheme under section 29 of the Telemalta Corporation Act 1975 is not necessary".*

*"Din il-provision baqghet tigi ripetuta fil-Financial Statements sussegwenti tal-Korporazzjoni, u dan sa dawk li jkopru s-sena li kellha taghlaq fl-1997. Wara din is-sena, inholqot is-socjeta' Maltacom u din il-provision ma baqghetx tigi inkorporata fl-audited accounts ta' din is-socjeta'.*

*"Il-Qorti tinnota li avvolja fl-1980 il-Korporazzjoni Telemalta kienet iddecidiet li ma kienx mehtieg li timplimenta skema ta' pensjoni ghall-haddiema taghha, fil-5 ta' Novembru, 1981, gie iffirmat ftehim li jirrevedi certi aspetti tal-ftehim iffirmat f'Jannar tal-1975 u li kien jolqot biss l-ex impjegati tal-Cable and Wireless, liema revizjoni ma kienetx tolqot il-klawsola 8 tal-ftehim originali u li jikkontempla t-twaqqif ta' skema ta' pensjoni, fejn gie stipulat li l-ftehim ta' Jannar 1975, "is still valid save where it has been amended by this Agreement".*

*"Dan ifisser li ghalkemm fl-1980, il-Korporazzjoni Telemalta iddecidiet unilateralment li ma tohloqx skema ta' pensjoni ghall-haddiema taghha, f'Novembru tal-1981, regghet ikkonfermat l-impenn taghha fil-konfront tal-ex*

*haddiema tal-Cable and Wireless Limited li tistabilixxi "a pension scheme similar to that operated by the Government", u dan l-impenn gie ribadit avvolja bl-Att numru XXI tal-1979 kienet diga' giet introdotta pensjoni ta' zewg terzi ghal kulhadd. Dan jindika b'mod car li l-Att tal-1979 ma ezewrhiex l-obbligu li kellha l-Korporazzjoni Telemalta taht il-ftehim tal-1975.*

*"Fl-1975, meta gie iffirmat il-ftehim mal-ex impjegati tas-socjeta' Cable and Wireless Ltd, impjegati li kien jahdmu ma kumpaniji jew ghaqdiet privati ma kellhom ebda dritt ghal pensjoni meta jirtiraw, izda kellhom biss dritt ghal "flat rate minimum pension" taht in-National Insurance Act tal-1956. Kienu biss il-haddiema tal-Gvern li, taht l-Ordinanza tal-Penzjonijiet (Kap. 93), kellhom dritt ghal pensjoni relattata mas-salarju taghhom.*

*"Il-pensjoni kienet ekwivalenti ghal zewg terzi tas-salarju, u kienu jiehdu din il-pensjoni shiha f'kaz li kellhom 30 sena servizz warajhom meta jirtiraw; f'kaz li, meta jirtiraw, jkollhom anqas minn 30 sena servizz, huma jiehdu proporzjoni tal-pensjoni li kienu jiehdu kieku kellhom 30 sena servizz, b'dan li tal-anqas kien mehtieg li jkollhom 10 snin servizz. Impjegat li jirtira qabel ma jkollu 10 snin servizz mal-Gvern ma kien intitolat ghal ebda pensjoni. Ma kien hemm ebda massimu ta' pensjoni li l-ex impjegat seta' jiehu, u din kienet tinhaddem fuq bazi ta' zewg terzi tas-salarju minghajr "capping".*

*"Huwa car li din kienet il-pensjoni li l-partijiet kellhom f'mohhom meta ffirmaw il-ftehim tal-1975, u meta fil-klawsola 8 qablu li l-Korporazzjoni "will introduce a pension scheme similar to that operated by the Government". L-ex impjegati tas-socjeta' Cable and Wireless kienu jikontribwixxu ghal skema ta' pensjoni privata li kienet waqfet il-kumpanija Cable and Wireless Ltd, u dan billi jhallsu parti mis-salarju taghhom ghal dan l-iskop. Meta din is-socjeta' waqfet topera hawn Malta, l-haddiema inghatatilhom ghazla li jew jiehdu "lump sum payment", jew li l-istess pensjoni tigi frizata sa ma jaghlqu l-eta' ta' sittin sena; hemm min ghazel l-ewwel alternattiva u hemm min ghazel it-tieni u ha pensjoni minghand is-*

*socjeta' Cable and Wireless meta ghalaq l-eta' ta' sittin sena. Il-haddiema, pero', kien ghad fadallhom zmien ta' servizz x'jaghtu, u meta gew inkorporati fl-istruttura tal-Korporazzjoni Telemalta riedu jikawtelaw ruhhom ghal pensjoni futura taghhom, ghal wara li jkunu hadmu, bhala impjegati tal-Korporazzjoni, u dan billi jigi riservat lilhom dritt ta' pensjoni kif kellhom meta kienu impjegati ta' Cable and Wireless Ltd. Ghalhekk, sar qbil, li dawk l-ex impjegati tal-Cable and Wireless jidhlu fi skema gdida ta' pensjoni li kellha tohloq il-Korporazzjoni Telemalta u li kellha tkun simili ghal dik allura vigenti ghall-haddiema tal-Gvern. Meta fil-kawza "Camilleri vs Galea Debono nomine" (citazzjoni numru 1202/93) xehed Albert Tabone, li kien Chief Executive tal-Korporazzjoni Telemalta meta gie iffirmat il-ftehim tal-1975, dan qal b'mod car hekk:*

*"L-"undertaking" kien, skond il-ftehim, illi jkun hemm skema simili bhal dik li kienet tezisti ghall-impjegati tal-gvern f'dak li jirrigwarda pensjoni. L-intenzjoni tan-negozjati kienet illi allavolja skond il-ligi min ma kellux ghaxar snin servizz kien jiehu "gratuity" u mhux pensjoni, fl-"agreement" konna nnegozjajna biex anke min ikollu inqas minn ghaxar snin servizz jiehu l-"full pension" u mhux a bazi tas-servizzi li kien ghamel u mhux il-"gratuity".*

*"Kien hemm paragrafu wkoll illi min imut waqt is-servizz, il-mara tieghu kellha d-dritt ghal sena salarju. Fic-cirkostanzi, kien hemm xi hadd illi miet waqt is-servizz, u din il-klawsola giet attwata. Ma niftakarx jekk hux kaz wiehed jew tnejn, pero', kaz wiehed kien hemm zgur. Minn ghalija dana kien fl-1976.*

*"Dawn il-varjazzjonijiet mill-pensjoni li s-soltu joffri l-Gvern gew inkorporati fil-ftehim. Dana kien il-frott ta' negozjati li kienu damu sejrin xi erba' (4) xhur. Dawn in-negozjati kont nippartecipa direttament jiena. Jiena kont qed ninnegozja ghan-nom tat-Telemalta".*

*"Dan gie konfermat ukoll minn Alex Pace, li kien jahdem mal-Korporazzjoni Telemalta, u li peress li kien jokkupa wkoll il-kariga ta' Segretarju tat-Taqsima GWU tat-*

*Telemalta, kien innegozja u ffirma l-ftehim tal-1975. Meta dan xehed fil-kawza fuq imsemmija, huwa qal:*

*"Skond dan l-ftehim, it-Telemalta kienet intrabtet illi ddahhal din il-pensjoni. L-"agreement" kien simili ghall-"agreement" bejn impjegati tal-gvern u l-gvern, izda ntroducejna u konna nizzilna klawsola li kienet taghti pensjoni anke ghal dawk illi ma kellhomx ghaxar snin servizz"*

*"Il-fatt li l-partijiet hasbu biex jaghtu lill-haddiema pensjoni anke jekk ma jkollhomx ghaxar snin servizz, juri wkoll bic-car li r-riferenza kellha ssir dejjem ghal iskema tal-pensjoni allura vigenti favur il-haddiema tal-Gvern taht l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93). Dan ikkonfermatu wkoll din il-Qorti fis-sentenza finali li tat fil-kawza fuq imsemmija u li giet moghtija fil-31 ta' Mejju, 1999.*

*"Il-ftehim tal-1975 ma setghax jirreferi ghal iskema ta' pensjoni nazzjonali ta' zewg terzi ghal kulhadd, ghax din l-iskema lanqas biss kienet tezisti jew kontemplata meta gie iffirmat dan il-ftehim. L-iskema ta' pensjoni nazzjonali ta' zewg terzi giet introdotta bl-Att XXI tal-1979, u kwindi zgur li ma kienetx u ma setghetx tkun il-pensjoni kontemplata fil-ftehim tal-1975.*

*"Tajjeb li jigi osservat ukoll li dan l-Att ma hassarx u ma irrevokax id-dritt ghas-service pension li kellhom dritt ghaliha l-haddiema tal-Gvern taht l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93). Nonostante d-dhul ta' din il-pensjoni nazzjonali, l-haddiema tal-Gvern baqghu intitolati ghas-service pensjoni partikolari taghhom, u dan bla ebda tnaqqis. It-tnaqqis li, fil-fatt, gie kontemplat ma kienx fis-service pension, izda fil-pensjoni nazzjonali, b'mod li, ghalkemm l-impjegati tal-Gvern gew intitolati wkoll ghal din il-pensjoni nazzjonali (taht in National Insurance Act tal-1956), din kellha titnaqqas b'ammont ekwivalenti tal-pensjoni tas-servizz li kienu intitolati ghaliha (taht il-Pension Ordinance tal-1937), biex il-pensjoni finali li jiehu l-impjegat tal-Gvern ma tigix teccedi z-zewg terzi tad-dhul pensjonabbli tieghu.*

*"Fil-fatt, l-artikolu 72(1) tan-National Insurance Act, kif emendat fl-Att XXI tal-1979, jistipula li:*

*"Where a person is entitled to a service pension no part of which has been commuted, any pension arrived at in accordance with the provision of section 71 of this Act shall be abated by the amount of such service pension".*

*"Kwindi, mill-premess ghandu jirrizulta li s-sitt u s-seba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li, f'certu sens huma relatati, mhumiex sostenibbli, ghax id-dritt li qed jitolbu l-atturi, sancit bil-ftehim tal-1975, ma jikser ebda ligi ta' ordni pubbliku, ghax fil-waqt li l-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap. 318) u l-Att dwar is-Sigurta' Nazzjonali tal-1956 (Kap. 147), jimponi pensjoni massima, ma jhassrux u ma jiddikjarawx null kwalunkwe pensjoni tas-servizz li tkun ezistenti, izda jiddikjaraw biss li l-pensjoni tas-servizz tittiehed in konsiderazzjoni fil-fissazzjoni tal-pensjoni taht in-National Insurance Act. Il-ftehim tal-1975 kien jikontempla service pension simili ghal dik tal-haddiema tac-Civil mal-Gvern, u dan kien verosimili meta tqies li l-Korporazzjoni Telemalta kienet, dak iz-zmien, "wholly owned" mill-Gvern. L-idea kienet li dawn il-haddiema "tal-Gvern", jitpoggew, bejn wiehed u iehor, f'pozizzjoni simili bhala haddiema tac-Civil mal-Gvern, u dan ghal dak li jirrigwarda l-pensjoni taghhom. Dan l-arrangament, li kellu jwassal lill-haddiema tat-Telemalta u li kienu ex impjegati tal-kumpanija Cable and Wireless jkollhom "service pension", ma jistax jitqies li jmur kontra l-ordni pubbliku ghax mhux projbit espressament b'ebda ligi, u pensjoni "simili" giet fil-fatt protetta u kkunsidrata fl-Att dwar is-Sigurta' Nazzjonali bl-emenda su riferita li kienet giet introdotta bl-Att XXI tal-1979. Il-pensjoni li kellhom jiehdu l-ex impjegati tal-Cable and Wireless Ltd, ghandha jkun pensjoni "simili" ghal dik li kienu intitolati ghaliha l-haddiema tal-Gvern fl-1979, u din il-pensjoni tas-servizz kienet u ghada tifforma parti mill-Ordinament Guridiku Malti, tant li l-haddiema tac-civil li irtiraw qabel l-1979, ghadhom jiehdu l-pensjoni tas-servizz u l-pensjoni taht in-National Insurance Act, imna qqsa kif provo*

*"Il-Qorti, biex tapprofondixxi fuq dan il-punt, tirrileva li l-kuncetti tal-Ordni Pubbliku m'ghandhomx jigu intesi f'sens internazzjonali, astratt u universali, imma jsibu l-limiti taghhom fl-Ordinament Guridiku nazzjonali tal-pajjiz.*

*"Dwar x'inhu l-Ordni Pubbliku, il-Galgano, "Diritto Privato" (2ediz. p.251 para 13.2) jghid "Nel suo insieme la formola legislativa esprime una esigenza di difesa dei valori fondamentali della societa': di difesa sia dei valori di natura collettiva, che attengono cioe' all pacifica e civile convivenza fra gli uomini e al loro progresso economico e sociale, sia di valori di natura individuale, relativi alla liberta', alla dignita', alla sicurezza dei singoli. L'ordine pubblico e' costituito da quelle norme, anch' esse imperative, che salvaguardano i valori fondamentali sopra menzionati e che, tuttavia, non sono esplicitamente formulate dalle legge, ma che si ricavano per implicito dal sistema legislativo: dai codici e dalle altre leggi ordinarie e, sopratutto, dalla Costituzione".*

*"Fuq l-istess materja, it-Trabucchi, "Istituzioni di Diritto Civile" (29ediz. para.74 p.170) jghallem illi "Lo scopo perseguito e' sempre di impedire che una fonte di comandi giuridici (diritto straniero, o contratto) dia vita a dei precetti in contrasto con le norme fondamentali dello Stato … I principi di ordine pubblico interno non sono necessariamente espressi in norme, ma si ricavano anche dal sistema delle disposizioni inderogabili sia del codice sia di altre norme".*

*"Issa f'dan il-kaz, ma hemm xejn fil-ftehim tal-1975 li jista' jinghad li jidderogaw jew jikkontrastaw minn "le norme fondamentali dello Stato". Il-ligi tal-pajjiz li holqot pensjoni nazzjonali u li imponiet massimu tal-pensjoni li wiehed jista' jiehu, ma kancellatx id-dritt li tibqa' tittiehed pensjoni tas-servizz, u lanqas meta l-istess ligi giet emendata bl-Att VIII tal-1992, ma saret xi projbizzjoni li wiehed ikollu wkoll pensjoni tas-servizz. Anzi, bis-sahha ta' dan l-Att, sar issa permess li wiehed ikollu pensjoni ohra, barra dik nazzjonali, u dan minghajr tnaqqis. Pero', la fiz-zmien meta gie iffirmat il-ftehim tal-1975 u lanqas wara d-dhul in vigore tal-emendi ghall-Att dwar is-Sigurta' Nazzjonali bl-*

*Att XXI tal-1979, ma l-ezistenza ta' pensjoni ohra barra dik nazzjonali ma tista' tigi meqjusa kontra l-Ordni Pubbliku. Il-ligi dwar is-Sigurta' Nazzjonali hasbet hi stess biex tillimita l-ammont ta' pensjoni li wiehed jista' jiehu, izda dan m'ghamlitux billi hasret kull pensjoni precedenti, jew li suppost kellha tkun vigenti qabel id-dhul tal-pensjoni nazzjonali.*

*"Mill-premess isegwi wkoll illi anke s-seba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi michuda, peress li t-tnaqqis, jekk ghandu jsir, isir mill-Gvern taht l-Att dwar is-Sigurta' Nazzjonali, izda mhux mis-socjeta' konvenuta. L-obbligu tas-socjeta' konvenuta huwa ex contractu li jitnissel mill-ftehim tal-1975, u l-iskema tal-pensjoni li ghandha tinholoq a bazi tal-ftehim ghandha tigi ezegwita fl-interezza taghha, b'mod li l-pensjoni li jkun intitolat ghaliha dak il-haddiem partikolari, hu jehodha in full, u jekk ghandu jsir xi tnaqqis, dan ghandu jsir mill-Gvern skond il-provedimenti tal-ligi dwar il-pensjoni nazzjonali. Fil-konfront tas-socjeta' konvenuta, l-atturi ghandhom interess guridiku li jipproponu din il-kawza, ghax fil-konfront ta' dik is-socjeta' huma ghandhom dritt jitolbu l-esekuzzjoni tal-kuntratt tal-1975 u hlas relattiv tal-pensjoni taghhom relattiva; x'jaghmel il-Gvern fil-kuntest tal-pensjoni nazzjonali m'ghandux jinteressa lis-socjeta' konvenuta. Jekk ir-rizultat finali jkunx li l-atturi jkunu jridu jaccettaw tnaqqis fil-pensjoni nazzjonali ma jinteressax lis-socjeta' konvenuta li, da parti taghha, taht l-iskema li twaqqaf hi, tkun trid thallas il-pensjoni kollha dovuta. Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawza <u>"Persiano vs Kummissarju tal-Pulizija"</u>, deciza fit-18 ta' Jannar, 2001, "l-interess (jew ahjar il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret <u>u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir"</u> (sottolinear ta' din il-Qorti). Fl-istess sens hija d-decisjoni ta' din il-Qorti fil-kawza <u>"Tonna vs Grixti"</u>, moghtija fit-13 ta' Marzu, 1992. Hekk ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza <u>"Ransley vs Coleiro"</u>, deciza fid-29 ta' Jannar, 1997, kienet osservat li l-interess ghandu jkun jissusisti fil-konfront tal-konvenut, u huwa dan il-principju ta' kontestazzjoni tal-attur fil-konfront tal-konvenut li jirradika l-azzjoni kontra l-konvenut u tindikah bhala l-legittimu kontradittur tal-attur.*

*“F’dan il-kaz, il-kontestazzjoni hija generata mill-ftehim iffirmat bejn il-partijiet fl-1975, u t-talba ghall-esekuzzjoni ta’ l-istess kuntratt qed tintalab kontra firmatarju tal-istess kuntratt li obbliga ruhhu li johloq skema ta’ pensjoni ghall-ex impjegati tas-socjeta’ Cables and Wireless Ltd., u l-kawza hi, kwindi, ben impostata u jezistu l-elementi kollha ta’ interess mehtieg biex l-istess azzjoni tigi sostnuta.*

*“Kwindi s-sitt u s-seba’ eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta qed jigu michuda.*

*“Fil-hames eccezzjoni taghha, s-socjeta’ konvenuta tillmenta li hi ma setghetx twaqqaf l-iskema ta’ pensjoni imweghda peress li skond l-Att tal-Korporazzjoni tat-Telemalta, tali skema kienet tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Ministru, izda f’dan il-kaz, la intalbet u wisq aktar inghatat tali approvazzjoni. Fuq din l-eccezzjoni, l-Qorti tinnota illi l-ftehim tal-1975 jinponi obbligu fuq is-socjeta’ konvenuta li ma tistax tahrab minnu bili tipprova tistahba wara provediment legali. L-obbligu tal-holqien tal-iskema tal-pensjoni ma johrogx mill-Att tal-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, izda mill-ftehim iffirmat fl-istess sena u li beda jkun effettiv mill-1 ta’ Jannar, 1975. Is-socjeta’ konvenuta tista’ targumenta li hi ma wettqietx l-obbligi taghha minhabba kaz fortuwitu, cioe’, l-Att tal-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta li, bhala ligi tal-pajjiz, tista’ tolqot l-ezekuzzjoni tal-ftehim. Il-Qorti taccetta li, bhala punt guridiku, fatt ta’ awtorita’ amministrativa huwa ekwiparat ghal forza maggura li jezenta lill-kontraent mir-responsabilita’ ghad-danni f’kaz ta’ non osservanza ta’ kuntratt – ara “German vs Apap Bologna”, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta’ Marzu, 1953, u “Ellul vs Custo noe”, deciza minn din il-Qorti fit-3 ta’ Ottubru, 2002.*

*“Jibqa’ l-fatt, pero’, li jekk il-holqien ta’ skema ta’ pensjoni kienet soggetta ghall-approvazzjoni tal-Ministru, il-Korporazzjoni ma tistax tistrieh fuq li din ma inghatax meta ma talbetx tal-approvazzjoni. Kien obbligu tal-Korporazzjoni u mhux tal-ex impjegati li jitolbu l-approvazzjoni tal-Ministru, izda din iddecidiet li ma titlobx tali permess u dan wara li unilateralment iddecidiet li ma*

*kienx ghadu necessarju li tohloq tali skema. Fi kliem iehor, l-iskema tal-pensjoni ma nholqietx mill-Korporazzjoni mhux ghax il-Ministru naqas li jaghti l-kunsens tieghu, izda ghax il-Korporazzjoni iddecidiet unilateralment li ma tonorax il-ftehim li kellha mal-ex impjegati tal-kumpanija Cable and Wireless, ghax dehrilha, fis-sapjenza taghha, li tali skema ma kienx aktar mehtieg. Il-ksur tal-ftehim sehh unilateralment b'decizjoni volontarja tal-Korporazzjoni Telemalta, u dan sehh qabel ma biss setgha jkun involut fil-materja l-Ministru.*

*"Inoltre, il-holqien ta' skema ta' pensjoni ma kienetx tmur kontra l-financial provisions tal-Att li holoq il-Korporazzjoni Telemalta, u dan peress illi l-artikolu 17(1) tal-Att jippermetti infieq fuq skema ta' pensjoni.*

*"Apparti dan, il-ftehim tal-1975, ma kienx gie iffirmat biss mir-rapprezentanti tal-haddiema u mill-Korporazzjoni Telemalta, izda gie iffirmat wkoll mill-Ministru ghall-Izvillup ta' dak iz-zmien, l-Onorevoli Wistin Abela. Bir-firma tal-Ministru fuq il-ftehim, ghandu jitqies li l-Ministru koncernat ta' l-kunsens tieghu ghall-holqien tal-iskema ta' pensjoni li l-Korporazzjoni obbligat ruhha li "it <u>will</u> introduce", u kwindi ma kienx hemm htiega li tintalab approvazzjoni sussegwenti tal-Ministru, ghax dan ta l-approvazzjoni tieghu preventivament fuq il-ftehim tal-1975, u kull ma kien mehtieg kien li l-Korporazzjoni timplimenta dak il-ftehim u tohloq pensjoni simili ghal dik operanti fil-konfront tal-haddiema tac-Civil mal-Gvern.*

*"Inoltre, meta fl-1981 sar revizjoni tal-ftehim tal-1975, u gie konfermat l-obbligu tal-holqien ta' skema ta' pensjoni, dak it-tieni ftehim gie wkoll iffirmat mill-istess Onorevoli Ministru Abela, li ghal darba ohra, kwindi, ta' l-kunsens u l-approvazzjoni tieghu ghal holqien ta' skema ta' pensjoni ghall-ex impjegati tas-socjeta' Cable and Wireless.*

*"Kwindi, anke din il-hames eccezzjoni ghandha u qed tigi michuda.*

*"Din il-Qorti issa sejra tittratta it-tmien eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u dan allavolja din l-eccezzjoni giet*

*irtirata, ghalkemm mhux b'mod formali, b'dikjarazzjoni fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta. Din l-eccezzjoni hi fis-sens li t-talbiet attrici huma insostenibbli peress li jekk jigu milqugha jigi li l-atturi jgawdu arrikiment ingust stante illi huma qatt ma kkontribwew ghall-pension fund. Issa kif qalet din il-Qorti fil-kawza <u>"Said vs Testaferrata Bonnici"</u>, deciza fis-16 ta' Gunju, 1936, l-elementi tar-rimedju komunement maghruf bhala "de in rem verso" huma tlieta, u cioe', "l'arricchimento", "il vincolo di causalita" u "il carrattere ingiusto dell'arricchimento". Dan it-tielet element bazikament ifisser illi din l-azzjoni ma hijiex applikabbli meta hemm kuntratt li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-partijiet. Ir-rimedju "de in rem verso" huwa rimedju sussidjarju li jista' jigi invokat biss meta bejn il-partijiet m'hemmx kuntratt li b'mod espress u definit jorbot il-partijiet (ara <u>"Scicluna vs Watson"</u>, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Lulju, 1901).*

*"Jekk persuna, fuq kuntratt, torbot lilha nfisha ghall-esekuzzjoni ta' xi obbligazzjoni, jekk dak il-kuntratt ikun validu u mhux soggett ghar-rexissjoni, l-istess irid jigi esegwit, u ma jistax jigi sottomess li l-esekuzzjoni ta' dak il-kuntratt johloq arrikiment ingust.*

*"Kif jghid il-<u>Baudry - Lacantinerie</u> ("Delle Obbligazioni" Vol. IV pag. 550), biex tista' tirnexxi din l-azzjoni, "Bisogna che l'arricchito non possa giovarsi di un fatto giuridico che lo autorizzi a conservare l'arricchimento". Jekk ghar-rizultanzi hemm att guridiku, kif inhu kuntratt, ma jistax jinghad li dawk ir-rizultanzi huma senza causa. Hu interessanti l-ezempju li dan l-awtur igib biex isostni dan l-argument:*

*"Un locatario ha fatto fare riparazioni o miglioramenti nell'immobile affittato. Ora, in virtu' di una clausola formale del contratto di fitto, i lavori di questa natura eseguiti per ordine del locatario dovranno, alla fine dell'affitto avvantaggiare il proprietario, senza che questo abbia a pagare indennita'. Una volta spirato l'affitto, l'imprenditore, non essendo stato pagato dal locatario, pretende agire de in rem verso contro il proprietario. Gli*

*puo' questo opporre il diritto che risulta per lui dalla clausola sopra indicata?*

*"La giurisprudenza risolve la questione affermativamente, e crediamo che abbia ragione. Se il proprietario puo', senza indennita, avvantaggiarsi delle riparazioni o dei miglioramenti realizzati dal locatario, questo vantaggio e' stato certamente preso in considerazione nel fissare il prezza dell'affitto, di guisa che il proprietario l'ha ottenuto soltanto con un sacrificio equivalente. Cio' si riduce a dire che in realta' non vi e' arricchimento e che quindi manca la prima delle nostre condizioni".*

*"Dan hu konformi mal-principju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu prezunt li qabel ma iffirmaw dak il-ftehim qiesu c-cirkustanzi tal-kaz u l-interessi taghhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor, ancorche' bazat fuq l-ekwita'. Il-principju tar-rispett ghal volonta' tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftehmu fuqu il-partijiet ghandu "forza ta' ligi" ghalihom (artikolu 992 tal-Kodici Civili), u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftehmu l-partijiet il-volonta' taghha.*

*"F'dan il-kaz, il-partijiet, wara negozjati twal u wara li qiesu c-cirkustanzi, iffirmaw il-kuntratt li kellu jigi implementat fl-1 ta' Jannar, 1975, fejn ftehmu li l-Korporazzjoni Telemalta kellha tformi lill-ex impjegati ta' Cable and Wireless Ltd. bi skema ta' pensjoni simili ghal dik adoperata mill-Gvern ghall-impjegati tieghu. Issa, jirrizulta li s-service pension li kienu jgawdu l-haddiema tal-Gvern kienet <u>non kontributorja</u>, u kienu intitolati ghaliha bis-sahha tas-servizz li huma jaghtu lill-Gvern u minghajr ma jikkontribwixxu ghaliha, lanqas billi titnaqsilhom xi percentagg mis-salarju. Il-haddiema tal-Gvern kienu, allura, jippartecipaw fl-iskema tal-pensjoni minghajr ma jikkontribwixxu ghaliha, u l-iskema li l-Korporazzjoni obbligat ruhha li twaqqaf kellha tkun simili ghal din. Mhiex skuza li l-atturi m'ghandhomx jippartecipaw fi skema ta' pensjoni "li qatt ma ezistiet", u dan peress li l-iskema*

*qaghda ma tezisthiex nuqqas tal-istess socjeta' konvenuta, li kellha tohloq is-sistema ghal habta tal-1975/1976. Li dan m'ghamlitux ma hu tort ta' hadd hlief taghha, u ghan-nuqqas taghha stess u tal-awturi taghha, is-socjeta' konvenuta ma tistax tiehu vantagg.*

*"Kwindi, it-tmien eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta timmerita li tigi wkoll michuda.*

*"Fid-disa eccezzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta tallega li l-agir taghha ma kienx wiehed deskriminatorju. Ghal kull buon fini, il-Qorti tinnota li ghalkemm l-atturi talbu dikjarazzjoni, "jekk hemm bzonn" (sic), illi r-rifjut tal-implementazzjoni tal-imsemmi ftehim huwa diskriminatorju, ma talbu ebda rimedju specifiku marbuta ma tali dikjarazzjoni.*

*"Tajjeb li jinghad, fl-ewwel lok, li fil-fehma tal-Qorti, materja ta' diskriminazzjoni ma hijiex rizervata biss ghall-investigazzjoni u rettifika mill-organi gudizzjarji kostituzzjonali. Jekk l-organi l-ohra, proprju bhal ma hi din il-Qorti, jistghu jipprovdu skond il-ligi ordinarja rimedju xieraq u adegwat ghal lezjoni, attwali jew mhedda, ta' jedd fundamentali, kien dan l-istess rimedju li kellu, u ghandu, fl-ewwel lok jigi mfittex. Ara a propozitu decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "<u>Agius vs Galea Debono nomine</u>", moghtija fil-21 ta' Ottubru, 2002. Fl-istess sens huma d-decizjonijiet ta' din il-Qorti fil-kawza <u>"Mifsud Bonnici et vs Tabone noe"</u>, moghtija fl-24 ta' Settembru, 2002, u fil-kawza <u>"Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd"</u>, moghtija fit-3 ta' Ottubru, 2003.*

*"Bazikament, l-ilment tal-atturi huwa bazat fuq ic-cirkostanza illi bl-Att tal-2002, il-pensjoni tas-servizz li kienu jgawdu haddiema tal-Gvern u li gew trasferiti ghal mas-socjeta' konvenuta gie protett, u dan sehh wara li kien sar ftehim bejn is-socjeta' konvenuta u l-Gvern f'dan is-sens, liema ftehim jidher li kien sehh fit-28 ta' Awissu, 2000. Il-ftehim kien inholoq wara pressjoni mill-Union tal-haddiema, u kien jirreferi biss ghall-haddiema fic-Civil mal-Gvern.*

*"Fil-parti preliminarji tieghu, jinghad fil-fatt:*

*"1. These arrangements in respect of pensions payable under the Pensions Ordinance, are applicable to those public officers who are expected to migrate with their Government Department (or part thereof) on its being converted into a Parastatal Entity outside the Public Service, who are permanently employed with such Entity, and who are no longer eligible to apply for posts in the Public Service following that deployment"*

*"Fil-kuntest ta' deskriminazzjoni hu risaput illi dak li jrid jigi ppruvat huwa illi l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu ta' l-istess deskrizzjoni taghhom. Il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni "timporta zewg elementi, u cioe', li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (in pari conditione) gie jew kien gie ttrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari" – <u>"Galea noe vs Kummissarju tal-Pulizija"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar, 1990.*

*"Il-kriterji biex tirnexxi azzjoni bazata fuq deskriminazzjoni kienu gew ampiament diskussi mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza <u>"Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija"</u>, deciza fis-16 ta' Awissu, 1976, fejn dik l-Onorabbli Qorti esprimiet ruhha fit-termini segwenti:*

*"Il-principju tan-non-diskriminazzjoni hu ovvjament wiehed mill-pilastri tas-sistema kollu tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali u jillumeggja dak l-aspett tar-rule of law li jipproklama l-ugwaljanza tac-cittadini kollha quddiem il-ligi. Kif esprima ruhu Gerhard Muller, President tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tar-Repubblika Federali tal-Germanja: "it is through this very principle of equality which prohibits any arbitrary procedure and is closely related to the principle of justice itself, that the whole system of fundamental rights is given its finishing touch…". Qabel xejn, pero', ghandu jigi nnotat li mhux*

*kull differenzazzjoni jew dizugwaljanza ta' trattament hi per se diskriminazzjoni entro l-projbizzjoni ta' l-imsemmi artikolu 46 (illum 45). Din il-projbizzjoni, fiha nfisha ovvja u indubitabbli, giet fil-fatt ikkunsidrata mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-dawl tad-differenza testwali fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem fejn fit-test Franciz hemm uzati l-kliem sans distinition aucune u fit-test Ingliz without discrimination, u dak it-tribunal internazzjonali qal hekk: "In spite of the very general wording of the French version … Article 14 does not forbid every difference in treatment in the exercise of the rights and freedoms recognised … This version must be read in the light of the more restrictive text of the English version … In addition, and in particular, one would reach absurd results were one to give Article 14 an interpretation as wide as that which the French version seems to imply. One would, in effect, be led to judge as contrary to the Convention every one of the many legal and administrative provisions which do not secure to everyone complete equality of treatment in the enjoyment of the rights and freedom recognised. The competent national authorities are frequently confronted with situations and problems which, on account of differences inherent therein, call for different legal solutions; moreover certain legal inequalities tend only to correct factual inequalities. The extensive interpretation mentioned above cannot consequently be accepted …". Dan hu konformi ma' l-interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali li cioe' l-kuncett ta' l-ugwaljanza ta' trattament ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghda tigi ezaminata … Differenzjazzjoni pero' biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont ta' l-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat".*

*"Dan l-insenjament jidher li gie segwit – b'varjazzjonijiet zghar li aktar jirriflettu l-fatt ispecie tal-kaz li jkun milli xi spostament ta' principju – f'diversi kawzi fosthom <u>"Il-Pulizija vs Muscat"</u>, deciza minn din il-Qorti (Sede*

*Kostituzzjonali) fit-28 ta' Lulju, 1989, "Borg noe vs Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et", deciza wkoll minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta' Mejju, 1984, "Cacopardo vs Ministru tax-Xogholijiet et", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Frar, 1987, "Debono Grech vs Mizzi et noe", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar, 1999, u "Agrimalt Ltd vs Awtorita' tal-Ippjanar", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Jannar, 2004.*

*"Ghalhekk, ikun hemm deskriminazzjoni meta l-kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jigu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti.*

*"F'dan il-kaz, fil-fehma tal-Qorti, ma jirrizultax li kien hemm persuni f'sitwazzjonijiet ugwali li gew ittrattati b'mod differenti. L-ewwel nett jinghad li d-dritt ghal pensjoni tas-servizz tal-impjegati tal-Gvern gie protett b'ligi tal-Gvern, li huwa att amministrattiv mehud mill-Legislatur li approva l-Att. Il-Gvern mhux parti f'din il-kawza, u ma giex allegat li kien il-Gvern li agixxa b'mod diskriminatorju, ghax tali allegazzjoni qed tigi diretta biss lejn is-socjeta' Maltacom. Ghalhekk, in kwantu certa "preferenza" setghet inghatat b'ligi (l-Att XV tal-2002), mhux kompitu ta' din il-Qorti li tipprova ssib xi forma ta' diskriminazzjoni.*

*"Fit-tieni lok, hemm differenza cara bejn iz-zewg sitwazzjonijiet, ghax fil-waqt li l-atturi huma ex impjegati ta' kumpanija privata kummercjali, il-ftehim su riferit jitkellem fuq "public officers", cioe', haddiem fic-Civil mal-Gvern. L-status taz-zewg gruppi ta' ex impjegati huwa, ghalhekk, differenti, u l-paragun li qed jippruvaw jaghmlu l-atturi mhuwiex, allura, like with like. Inoltre, jirrizulta wkoll li l-ftehim intlahaq wara pressjoni mill-Union relattiva, izda f'dan il-kaz ma jidhirx li l-Union li tirrapprezenta l-maggoranza tal-ex impjegati tal-Cable and Wireless Ltd. qatt insistiet li l-ftehim tal-1975 jigi implimentat jew li d-drittijiet tal-pensjoni ta' dawn l-impjegati jigu salvagwardati. Fuq kollox, il-pensjoni tas-servizz ta' l-ex impjegati tal-Gvern giet salvagwardata mill-Gvern u mhux mill-Maltacom; kien il-Gvern li ggarantilhom il-pensjoni*

*tas-servizz u mhux is-socjeta' konvenuta, u din ta' l-ahhar ma ttrattatx il-haddiema taghha b'mod differenti. Hu veru li s-socjeta' Maltacom trid tirrifondi lill-Gvern parti mill-pensjoni li dan ihallas lill-ex impjegati tieghu (kif dan ghandu jinhadem qed jigi diskuss bejn il-partijiet koncernati u ma jidhirx li sa issa sar qbil), izda, kif inghad, ic-cirkustanzi ta' dawn il-haddiema u tal-atturi kienu differenti, u l-fatti ta' dan il-grupp ta' haddiema, li gew avvanzati biex jigu paragunati ma' l-grupp ta' fatti li jinteressaw lill-atturi, m'ghandhomx l-istess sfond ta' riskontru. Dan mhux kaz fejn ex haddiema tal-Cable and Wireless Ltd, fl-istess grad u posizzjoni, gew trattati differenti, izda fejn, qed jigi allegat, gruppi differenti ta' haddiema gew trattati differenti; dan, f'kull kaz, ma jistax jitqies li kien agir diskriminatorju.*

*"Kwindi, din id-disa' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ghandha tintlaqa', u dina l-Qorti, minghajr ma tiddikjara li l-agir tas-socjeta' konvenuta kien korrett jew mhux bi ksur ta' obbligu kuntrattwali, ma tistax, min naha l-ohra, tiddikjara li l-agir tas-socjeta' konvenuta kien diskriminatorju fis-sens tal-ligi. Il-Qorti, ghalhekk, ma tistax, anke jekk tghaddi biex tilqa' t-talbiet tal-atturi fil-meritu, "tilqa" l-ewwel dikjarazzjoni mitluba "jekk hemm bzonn" mill-atturi.*

*"Il-Qorti, f'dan l-istadju, sejra titratta l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata fl-ghaxar eccezzjoni, u cioe' dik bazata fuq l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Il-Qorti tirrileva, fl-ewwel lok, li din l-eccezzjoni kienet giet ukoll sollevata fil-kawza msemmija <u>"Camilleri vs Galea Debono nomine"</u>, u din il-Qorti, b'sentenza preliminari tal-1 ta' Awissu, 1997, kienet cahdet dik l-eccezzjoni fuq il-fatt li l-preskrizzjoni sollevata mhux applikabbli ghal kaz.*

*"Din il-Qorti, kif kien doveruz, ezaminat bir-reqqa diversi sentenzi tal-Qrati taghna li jirrigwardaw il-paragrafu invokat, fosthom, <u>"Spiteri vs Petrococchino et"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Jannar, 1919, <u>"Saliba vs Grech"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar, 1949, <u>"Falzon vs Gauci Maistre et"</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-4 ta' Frar, 1952, <u>"Mifsud</u>*

*vs Pullicino", deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru, 1954, "Buttigieg vs Caruana", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar, 1955, "Spiteri vs Aquilina", deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Gunju, 1958, "Anastasi vs Mallia noe et", deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Frar, 1974, u "Grima vs Cassar Galea", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Dicembru, 1966. Minn din il-gurisprudenza jidher car li l-paragrafu (f) in dizamina ghandu jircievi interpretazzjoni in bazi ghar-regola ta' l-ejusdem generis in korrelazzjoni max-xorta ta' krediti msemmija fl-incizi li jigu qabel ta' l-istess artikolu, u li mhux accettabbli interpretazzjoni estensiva ta' dan il-paragrafu. L-espressjoni "kull kreditu iehor" jidher li dejjem giet interpretata bhala li tirreferi ghal kreditu ta' flus jew li jkollu l-istess natura bhal flus. Hekk, per ezempju, fis-sentenza "Mifsud vs Pullicino", ga citata, din il-Qorti qalet hekk:*

*"Kull kreditu iehor hemm imsemmi m'ghandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu, ikun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess disposizzjoni, u li jkollu l-istess natura bhal flus, bhal meta jkun jittratta, biex jinghata ezempju, minn kreditu li gej minn self ta' haga fungibbli li ma tkunx flus. Is-self ta' flus jifforma oggett ta' l-ewwel applikazzjoni in ispecje, imma meta s-self ikollu bhala oggett hwejjeg ohra fungibbli, jidhol fit-tieni applikazzjoni generali";*

*"Huwa veru li l-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza, "Grima vs Cassar Galea", ga' msemmija, jidher li ttentat taghti interpretazzjoni xi ftit aktar wiesgha u dan a bazi tal-kliem, fil-paragrafu in dizamina "or other causes" ("jew minn hwejjeg ohra"), izda dik il-kawza kienet tirrigwarda azzjoni de in rem verso fejn il-kreditu pretiz kien proprju ta' flus. Fejn il-kreditu mhux ta' flus jew ma jkollux l-istess natura bhala flus, il-paragrafu (f) ta' l-artikolu 2156 mhux applikabbli. Hekk, per ezempju, il-kreditu naxxenti mill-actio pauliana ma jaqax taht il-preskrizzjoni kkontemplata f'dan il-paragrafu (f) (ara "Spiteri vs Petrococchino", supra).*

*"Fl-isfond ta' dana kollu din il-Qorti tara li l-atturi mhux qed jagixxu biex jirrivendikaw xi kreditu fi flus jew kreditu li ghandu l-istess natura bhal flus. L-atturi qed jitolbu li jigu rivendikati d-drittijiet taghhom taht il-ftehim tal-1975 – dan hu l-kreditu minnhom pretiz. Huwa veru li bhala rimedju u fost id-diversi rimedji li tista' taghti din il-Qorti, hemm ir-rimedju tal-kumpens fi flus, pero', dan il-fatt fih innifsu ma jpoggix l-azzjoni ta' l-atturi fil-kategorija ta' dawk ikkontemplati fl-artikolu 2156 tal-Kap. 16. L-effett ta' obbligazzjoni, li hi l-azzjoni u r-rimedju pretiz, m'ghandhiex tigi konfuza mal-kreditu nnifsu.*

*"Illi, ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bazata fuq l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili ghandha tigi respinta.*

*"Jibqa', ghalhekk, biex jigu determinati, l-ewwel erba' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u l-Qorti tqies li f'dan l-istadju ghandha titratta t-tieni eccezzjoni. B'din l-eccezzjoni, s-socjeta' konvenuta qed teccepixxi illi l-ftehim tal-1975 u tal-1981 m'humiex aktar validi, u dan peress li sussegwentement ghal dawn il-ftehim, l-istess partijiet iffirmaw diversi ftehim ohra, indikati bhala Ftehim Kollettiv, li ma jsemmu xejn fuq l-obbligu tal-Korporazzjoni/socjeta' konvenuta illi timplimenta skema ta' pensjoni. Qed jigi sottomess illi peress illi dawn il-Ftehim Kollettiv sehhew wara l-ftehim tal-1975 u tal-1981, dawn l-istess ftehim gew "superceded" bil-Ftehim Kollettiv u sehhet novazzjoni a tenur tal-artikolu 1179 tal-Kodici Civili.*

*"Il-Qorti tinnota li fil-fatt fil-Ftehim Kollettiv li gew iffirmati mill-Korporazzjoni Telemalta / Socjeta' Maltacom tul iz-zmien, bl-ewwel wiehed ikopri l-perjodu bejn 1 ta' Ottubru 1986 sat-30 ta' Settembru, 1989, ma saret qatt ebda riferenza ghall-obbligu impost li tithejja skema ta' pensjoni ghall-ex impjegati tas-socjeta' Cable and Wireless. Kien biss, pero', fit-tielet Ftehim Kollettiv, dak li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Ottubru, 1992, sal-31 ta' Dicembru, 1995, li saret klawsola fis-sens li dak il-Ftehim Kollettiv hu l-uniku ftehim li hemm jorbot bejn il-partijiet. F'dan l-ahhar Ftehim Kollettiv, jinghad, a propozitu, fil-klawsola numru 2, illi:*

*“This Agreement is the sole and exclusive instrument regulating the relations, rights and duties of the contracting parties, and all previous collective agreements, annexes, appendices and agreed minutes no longer apply”.*

*“Din il-klawsola tinsab riprodotta fil-Ftehim Kollettiv sussegwenti, dak li jkopri l-perjodu mill-1 ta’ Jannar, 1996, sal-31 ta’ Dicembru, 1998. F’dan il-Ftehim Kollettiv, fil-fatt, il-klawsola 1.1.4 (pagna 9 tal-Ftehim) tghid hekk:*

*“1.1.4 Ma hemmx ftehim iehor.*
*“Dan il-ftehim hu l-istrument uniku u esklussiv li jirregola r-relazzjonijiet ghas-shubija, id- drittijiet u dmirijiet tal-partijiet imsiehba bih marbuta. Dan ifisser fost l-ohrajn li kull ftehim kollettiv li sar qabel, zidiet, appendici u minuti miftehma m’ghadhomx japplikaw”.*

*“Klawsola simili tinsab riprodotta fil-Ftehim Kollettiv li gew iffirmati sussegwentement.*

*“Ghandu jinghad li ghalkemm fl-ewwel zewg Ftehim Kollettiv, ma hemmx klawsola bhal dawk aktar qabel riprodotti, fihom, jew ahjar fl-Appendici ghal Ftehim, jinghad a propozitu hekk fil-klawsola 4a tal-Appendici L u M:*

*“4a (i) This agreeme*
*obligations of both parties and the employees.*

*“The terms and conditions of employment, which shall apply to all employees of the Corporation, shall be those provided for in this Agreement”.*

*“Din il-klawsola, fil-fehma tal-Qorti, mhiex cara u kategorika bhal dawk li sussegwewha, u d-differenza fid-dicitura ghandha tigi riflessa f’pozizzjoni u rizultat differenti.*

*“Il-Qorti trid, fl-ewwel lok, allura, tezamina n-natura ta’ Ftehim Kollettiv, l-effetti tieghu fuq il-ftehim tal-1975, partikolarment jekk holqux novazzjoni tal-indikat ftehim, u*

*f'kaz li dan ma jirrizultax, l-effett tal-kambjament li sehh bl-introduzzjoni tal-klawsola esklussiva fil-Ftehim Kollettiv li beda jopera mill-1 ta' Ottubru, 1992.*

*"Rigward in-natura ta' Ftehim Kollettiv, jidher li kien hemm zmien fl-Ingilterra fejn kien jinghad li dawn il-Ftehim mhumiex "kuntratti" fil-veru sens tal-kelma. Kien jinghad, fil-fatt, li "collective agreements are not legally binding contracts since both sides of industry now and consistently in the past have evinced no desire, indeed, an aversion to placing their agreement before the Courts for interpretation and enforcement" – Greenfeld, "Modern Trade Union Law" (pagna 219). Din kienet ukoll il-pozizzjoni li hadet il-Qorti Ingliza fil-kawza "Ford Motor Co. Ltd vs Amalgamated Union of Engineering Workers", Queen's Bench Division, 1969 – 2 all England Law Reports 481.*

*"Il-pozizzjoni fl-Ingilterra inbidlet u giet carata bl-Industrial Relations Act tal-1971, li in forza taghha inghata effett kuntrattwali lil kull Ftehim Kollettiv, sakemm fl-istess Ftehim ma jigix stipulat mill-partijiet li kienu qablu li dak il-Ftehim ma kellux jinghata effett ta' enforzar gudizzjali.*

*"Il-pozizzjoni hawn Malta jidher li kienet ftit dubbjuza, tal-anqas f'mohh l-Assoccjazzjoni ta' Min Ihaddem, ghax minn ricerka li ghamlet din il-Qorti jidher li, f'tal-anqas f'zewg okkazzjonijiet, fi Frar 1969, u f'Awissu 1973, dik l-Assoccjazzjoni kienet harget Memoranda fejn issuggerit "that the law should give legal sanction to collective agreements freely negotiated and signed" u li "collective agreements freely negotiated between an employer or class or association of employers and a trade union in representation of workers should be enforceable and binding in law as ordinary contracts between individuals". Il-Legislatur ma jidhirx li ha s-suggeriment, peress illi bil-ligi l-gdida li tirregola l-kundizzjonijiet tal-impieg, l-Att XXII tal-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, dan il-punt ma giex regolat; f'din il-ligi, pero', ghall-ewwel darba saret referenza specifika ghal possibilita' li Ftehim Kollettiv jista' jirregola l-kundizzjonijiet tal-impieg ta'*

*haddiema (artikolu 5) (ara* Baldacchino*, "Evolving Industrial Relations in Malta" Edit. 2003 pagna 215).*

*"Gudizzjarjament, pero', jidher li l-Qrati taghna dejjem qisu Ftehim Kollettiv bhala kuntratt legali u enforzabbli bhal kull kuntratt iehor. Din il-Qorti, fil-kawza* *"Borg noe vs Tabone noe"*, *deciza fil-11 ta' Gunju, 1991, qieset Ftehim Kollettiv bhala kuntratt enforzabbli, u ghalkemm il-punt ma kienx gie diskuss, il-konkluzzjoni tal-Qorti ma setghetx tkun b'mod iehor kieku l-Qorti ma qiesetx il-Ftehim Kollettiv bhala kuntratt li jorbot lill-partijiet. Fil-kawza* *"Sammut vs Vassallo noe"*, *deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2000, ittiehdet, milli jidher, pozizzjoni aktar cara ghax fiha jinghad li "Ir-relazzjonijiet guridici li jemanu minn Ftehim Kollettiv,* *li indubbjament jikkostitwixxu kuntratt bejn il-firmatarji tieghu*, *u cioe', il-Bank u r-rapprezentanti tal-haddiema, kienu relazzjonijiet li jemanu ex contractu u bhala tali sindikabbli mill-Qrati ordinarji" (sottolinear ta' din il-Qorti). Din il-veduta, fil-fehma tal-Qorti, ghandha tikristallizza l-pozizzjoni b'mod definittiv ghax fiha gie deciz li Ftehim Kollettiv huwa kuntratt enforzabbli gudizzjarjament mill-Qrati ordinarji. Dawn il-Qrati, b'sentenzi ohra, abbraccjaw dan il-principju, tant li fil-kawza* *"Agius vs Galea Debono noe"*, *deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru, 2002, intqal illi:*

*"ftehim kollettiv ghandu bhala oggett li jistabilixxi l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tax-xoghol ta' l-impjegati, u li inoltre ftehim bhal dan jippresupponi dejjem li almenu meta jigi ffirmat, dan ikun maghmul f'isem il-maggoranza (hamsin fil-mija u wiehed) ta' l-impjegati. Ghalhekk ukoll hu meqjus bhala kuntratt, u allura ghandu jigi rispettat u osservat fit-termini tieghu kif jesprimu l-volonta' taz-zewg kontraenti".*

*"Fl-istess sens huma s-sentenzi moghtija, wahda mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 1995, fil-kawza* *"Fenech noe vs Tabone noe"*, *u l-ohra moghtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza* *"Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd"*.

*"Darba stabbilit li Ftehim Kollettiv ghandu sahha ta' kuntratt bejn il-partijiet, irid issa jigi diskuss jekk il-Ftehim iffirmat fl-1986, u dawk sussegwenti, ghandhomx ikollhom l-effett li "jhassru" l-kuntratt tal-1975, jigifieri jekk dawk il-Ftehim Kollettiv holqux novazzjoni b'mod li l-ftehim tal-1975 sar ineffettiv.*

*"In-novazzjoni hija mod ta' estinizzjoni tal-obbligazzjoni, liema istitut kien jezisti anke fid-dritt Ruman, u dan l-istitut illum jinsab inkorporat fl-artikolu 1179 et seq tal-Kodici Civili. Skond l-artikolu 1179(a) hemm novazzjoni "meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, illi jispicca". L-artikolu 1180(2) jzid li n-novazzjoni "mhix prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car". L-artikolu 1181 isegwi li "ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla".*

*"Ghar-rigward il-htiega tal-"animus novandi", l-Istituti ta' Gustinjan kienu jehtieg li dan il-hsieb jigi manifest espressament. Fil-fatt insibu fl-Istituti (Title XXIX Book III) li: "We have made a constitution which states in the clearest terms that novation is only to take place when the parties have espressly stated that they have made the new agreement with the intention of novating the first" (ara* <u>*Lee*</u> *"The Elements of Roman Law" 4$^{th}$ Edit. pag. 418). Fid-dritt modern, pero', din l-insistenza fuq intenzjoni espressa ma baqghetx tigi implimentata, u fil-fatt fil-ligi taghna ma nsibux li l-intenzjoni ghan-novazzjoni trid tkun espressa; trid, pero', tkun cara. Fil-kawza* <u>*"Catania vs Degiorgio"*</u>*, deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Frar, 1958, jinghad hekk:*

*"Huwa veru li mhux mehtieg li l-'animus novandi' tkun espressa, u li tista' tkun anke tacita, pero', irid ikun hemm kontradizzjoni assoluta bejn il-fatt tal-partijiet u l-volonta' taghhom li jzommu ferma l-obbligazzjoni originarja. Jekk imbaghad il-kunsens tad-debitur mhuwiex bil-fors mehtieg, huwa dejjem indispensabbli l-kunsens tal-kreditur u tal-espromittent. … U fil-kaz li l-elementi kollha ma jirrizultawx b'mod car u univoku, in-novazzjoni m'ghandhiex tigi prezunta".*

*Fil-kawza "Frendo Randon vs Gera", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju, 1952, intqal li:*

*"In-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u l-'animus novandi' ghandu jidher bic-car. U jekk stess parti wahda kellha dak l-animu, jehtieg dejjem li jkun hemm l-okkordju mal-parti l-ohra biex issir in-novazzjoni".*

*"Fil-kawza "Baldacchino vs Cassingena", deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 1950, jinghad:*

*"Biex ikun hemm novazzjoni hemm bzonn li jkun hemm l-inkompatibilita' ta' l-ezistenza ta' zewg obbligazzjonijiet, u f'kaz ta' dubbju, in-novazzjoni ghandha tigi eskluza".*

*"Fil-kawza "Koludrovich vs Muscat", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-25 ta' Mejju, 1956, intqal:*

*"Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata; ghalhiex, billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra. Mhux kull modifika, ghalhekk, iggib l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigi annullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata … In-novazzjoni trid tigi pruvata minn min jallegaha, u f'kaz ta' dubju ghandha tigi eskluza".*

*"Fuq dan il-punt, il-gurista Giorgi ("Delle Obbligazioni", Vol. VIII para. 242), jghid li l-intenzjoni biex issir novazzjoni tkun tacita "quando risulta dalla incompatibilita' tra il 'quod actum est' e la esclusione della volonta' di novare. Della quale incompatibilita' sono queste le caratteristiche:*

*"1. Che il debitore sia stato svincolato assolutamente della obbligazione primitiva;*

*"2. Che la seconda obbligazione contenga un mutamento tanto sostanziale in confronto della prima, da non permettere di considerarla come semplice modificazione della obbligazione precedente. La novazione cumulativa, quale appunto risulterebbe dall'unione di due obbligazioni, non e' vera novazione".*

*"Dawn il-principji kienu wkoll gew abbraccjati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza <u>"Bongailas vs Deguara"</u>, deciza fit-22 ta' Novembru, 1989, u fil-kawza <u>"Mizzi vs Ennis"</u>, deciza mill-istess Onorabbli Qorti fis-6 ta' Gunju, 1984.*

*"Fid-dawl ta' dawn il-principji, din il-Qorti ma tistax tara li, f'dan il-kaz, jezistu l-elementi kollha mehtiega biex isehh in-novazzjoni oggettiva li qed tippretendi s-socjeta' konvenuta, almenu ghal dak li jirrigwarda l-ewwel zewg Ftehim Kollettivi iffirmati bejn il-partijiet. Kif intwera, f'dawn l-ewwel zewg Ftehim, li jkopru z-zmien bejn l-1 ta' Ottubru, 1986, u t-30 ta' Settembru, 1992, ma jinghad xejn dwar id-dritt tal-pensjoni tal-haddiema, izda b'daqshekk, ma jfissirx li bejn dawn il-Ftehim u l-ftehim tal-1975 tezisti "kontradizzjoni assoluta". Il-Ftehim Kollettiv jittrattaw id-diversi aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-impjegati, bhal paga, leave, dixxiplina u promozzjoni, izda ma hemm xejn fihom li huwa inkompatibbli mal-klawsola 8 tal-ftehim tal-1975. Ma jirrizultax, lanqas, li l-kreditur, cioe', l-Union li tirrapprezenta l-haddiema, tat il-kunsens taghha ghat-thassir ta' dak il-ftehim originali. Kif intwera, biex isehh novazzjoni, mhux bizzejjed l-animo ta' parti wahda, izda jehtiex l-"akkordju" bejn iz-zewg partijiet, u jekk dan ma jirrizultax car u univoku, in-novazzjoni ghandha tigi eskluza. Il-Ftehim Kollettivi in kwistjoni jistghu jitqiesu li bidlu xi kondizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema, pero', ma "qatlux" il-ftehim tal-1975. Ghal dak li jirrigwarda l-holqien ta' skema ta' pensjoni, ma hemmx, bejn il-Ftehim Kollettivi u dak originali, inkompatibilita', u l-modifika li saret ghall-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-impjegati mhux daqshekk radikali li tista' titqies li holqot estinzzjoni tal-obbligazzjoni originali u kwindi novazzjoni. Il-klawsola 4 fl-Appendici L u M tghid li dak il-Ftehim jorbot lill-impjegati kollha tal-Korporazzjoni, pero', la jhassar il-ftehim tal-1975 u lanqas*

*jghid li hu l-uniku ftehim li jirregola l-kundizzjonijiet tal-haddiema.*

*"Min naha l-ohra, mhux l-istess jista' jinghad fil-kuntest tal-Ftehim Kollettivi li gew iffirmati biex ikopru l-perjodi sussegwenti ghal dak aktar qabel indikat, u cioe', ghall-perjodu li jibda' mill-1 ta' Ottubru, 1992. Kif intwera, f'dawn il-Ftehim Kollettivi idahlet klawsola li tindika li dak il-ftehim huwa l-"uniku" strument li kellu jirregola r-relazzjonijiet ghas-shubija, id-drittijiet u dmirijiet tal-partijiet imsiehba. Hawnhekk, ghandna dikjarazzjoni espressa tal-partijiet li fiha ddikjaraw li huma riedu li, minn dak il-mument 'l quddiem, dak kollu li sehh qabel ghandu jitqies superat, bid-drittijiet reciproci tal-partijiet regolati biss b'dak il-Ftehim. Jista' jkun li meta giet accettata dik il-klawsola fl-1992, il-partijiet ma kellhomx f'mohhom il-ftehim tal-1975; dan, pero', mhux importanti, ghax il-partijiet immanifestaw il-volonta' cara to draw a line over past contracts, u jqiesu dak li sehh fil-passat, kien x'kien, bhala acqua passata, u biex ebda parti ma tipprova tivvanta xi ftehim antik, anke jekk "minsi", qablu li dak il-Ftehim Kollettiv, u dak biss, kellu jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom.*

*"Jekk il-Union li nnegozjat il-Ftehim Kollettiv, "insiet" l-interessi ta' uhud mill-membri taghha li kienu ex impjegati tas-socjeta' Cable and Wireless Ltd., ta' dan in-nuqqas m'ghandhiex tbati s-socjeta' konvenuta, izda din materja li jridu jarawha l-haddiema milquta mar-rapprezentanti taghha. Skond il-ligi, Union li tirrapprezenta l-maggoranza tal-haddiema f'azjenda, ghandha dritt tinnegozja u torbot lill-haddiema kollha ta' dik l-azjenda u tagixxi bhala mandatarju tal-haddiema. Il-mandant (il-haddiema) huma obbligati bil-ligi li jonoraw u jesegwixxu l-obbligazzjonijiet kollha li l-mandatarju (il-Union) ikun ikkuntratta (artikolu 1880 Kodici Civili), u, kwindi, l-istess atturi involuti huma marbuta b'dak li gie kkontrattat ghan-nom taghhom. Il-Union kellha l-awtorita tinnegozja ghan-nom tal-haddiema, u ma saritilha ebda limitazzjoni fl-ezercizzju ta' din l-awtorita'; kwindi il-haddiema, bhala mandanti, huma marbuta bil-Ftehim li gie negozzjat u ffirmat ghan-nom taghhom (ara "Camilleri vs Othman et", deciza mill-*

*Onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta' Lulju, 1998). Ghalkemm jista' jigi argumentat li l-Union, meta ffirmat dawk il-Ftehim, ma kienetx qed taqdi l-funzjoni taghha biex tipprotegi d-drittijiet li gia kellhom uhud mill-haddiema taghha (ghax ma insistithiex fuq il-protezzjoni tad-dritt kontratwali ghall-pensjoni li kellhom il-haddiema tal-ex Cable & Wireless), il-funzjoni tal-Union u l-vantaggi li jistghu johorgu minn Ftehim Kollettiv iridu jigu ezaminati fil-kuntest tal-agir kollu u l-kondizzjonijiet kollha inkorporati fi Ftehim Kollettiv, b'mod li l-istess Ftehim, jista' xorta wahda jitqies li hu a vantagg u fl-interess tal-haddiema, avvolja l-Union tkun irrinunzjat ghal xi dritt partikolari rikjest mill-haddiema. Fi kliem iehor, Ftehim Kollettiv irid jigi ezaminat fl-interezza tieghu, u m'ghandux jitqies vantaggjuz jew mhux vantaggjuz ghall-haddiema fuq l-iskorta ta' klawsola wahda inserita jew mhollija barra. F'dan il-kaz, ma giex muri li l-Ftehim Kollettiv, taken as a whole, ma kienx ta' vantagg ghall-haddiema milquta. Inoltre, wara li gew iffirmati dawn il-Ftehim, ma jirrizultax li xi hadd ikkontesta l-agir tal-Union jew il-ftehim milhuq.*

*"Bis-sahha ta' dik il-klawsola, il-ftehim tal-1975 gie "maqtul", u din l-intenzjoni tirrizulta cara bl-introduzzjoni ta' dik il-klawsola. Meta jigri hekk, kif ikompli jghid il-<u>Giorgi</u> (op. cit.), "La nuova obbligazione nulla conserva, per regola, della natura e degli effetti che aveva l'antica, ma prende la natura e gli effetti proprii della sua indole guridica".*

*"Din in-novazzjoni, pero', sehhet b'effett mill-1 ta' Ottubru, 1992, u mhux qabel; id-drittijiet tal-ex impjegati tal-Cable and Wireless ghal dak li jirrigwarda l-pensjoni taghhom, baqghet, sa dak inhar, regolata bil-ftehim tal-1975. Kwindi, dawk il-haddiema li rtiraw qabel l-1 ta' Ottubru, 1992, ma humiex effettwati bin-novazzjoni li sehhet f'dik id-data, u dawn ghandhom dritt ghall-pensjoni taghhom minghand is-socjeta' konvenuta, liema pensjoni ghandhom dritt ghaliha intatta mid-data tal-irtirar taghhom. Fil-konfront ta' dawn il-persuni, il-Ftehim Kollettiv li ffirmat il-General Workers Union sussegwentement ghad-data tal-irtirar taghhom, ma jistghu ikollhom ebda effett, u dan peress li, mal-irtirar, id-dritt tal-pensjoni dahal jifforma parti*

*mill-patrimonju taghhom, u ma kienux aktar haddiema soggetti ghall-Ftehim li tiffirma l-Union. Kif jghallem il-gurista Gabba, fit-trattat tieghu "Della Retroattivita' delle Leggi",*

*"E' acquistato ogni diritto che:*

*(a) e' conseguenza di un fatto idoneo a produrlo, in virtu' della legge del tempo in cui il fatto venne compiuto, benche' l'occasione di farlo valere non siasi presentata prima dell'attuazione di una legge nuova intorno al medesimo, e che*

*(b) a termine della legge sotto l'impero della quale accade il fatto da cui trae origine, entro' immediatamente a far parte del patrimonio di chi lo ha acquistato".*

*Id-dritt ghal pensjoni minn dawn il-haddiema kien mhux biss minnhom akkwistat fl-1975, izda baqa' bla rivedut jew mhassar sa ma tterminaw l-impieg taghhom mas-socjeta' konvenuta.*

*"Issa mill-atti jirrizulta li mhux l-atturi kollha rtiraw qabel l-1 ta' Ottubru, 1992, tant li kien hemm xi uhud mill-atturi li kienu ghadhom fis-servizz anke meta giet introdotta din il-kawza f'April tal-2002. Mid-dokument SM62 ezebit mis-socjeta' konvenuta jirrizulta li hemm 35 ex-impjegat li rtiraw qabel 1 ta' Ottubru, 1992.*

*"Dawn huma s-segwenti:*

| *Kunjom* | *Isem* | *Data ta' l-irtirar* | *Xhur ta' servizz (bejn Gunju 1975 u x-xahar ta' l-irtirar)* | *Salarju fid-data ta' l-irtirar* |
|---|---|---|---|---|
| *Trevisan* | *Frank X.* | *22-Mar-78* | *34* | *Lm1751* |
| *Rogers* | *Charles* | *11-Nov-80* | *66* | *Lm1564* |
| *Cassar Trigona* | *Godfrey* | *15-Mar-82* | *82* | *Lm2802* |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Bonnici* | *Maurice* | *01-Jul-83* | *97* | *Lm3202* |
| *Borg* | *Hector* | *08-Aug-83* | *98* | *Lm2361* |
| *Bartolo* | *Robert M.* | *01-Nov-83* | *101* | *Lm2522* |
| *Bartolo* | *Roger* | *10-Sep-84* | *112* | *Lm3870* |
| *Rossi* | *Frank* | *01-May-85* | *119* | *Lm2949* |
| *Curmi* | *John L.* | *01-Dec-85* | *126* | *Lm2802* |
| *Brockdorff* | *Eric* | *17-Apr-87* | *143* | *Lm2538* |
| *Dingli* | *John* | *23-May-87* | *144* | *Lm2361* |
| *Vigar* | *Joseph* | *08-Aug-87* | *147* | *Lm3126* |
| *Briffa* | *Michael* | *17-Aug-87* | *147* | *Lm2674* |
| *Curmi* | *George M.* | *08-Sep-87* | *148* | *Lm3126* |
| *Cassar* | *Charles L.* | *05-Feb-88* | *153* | *Lm4204* |
| *Camilleri* | *Louis* | *28-Feb-88* | *153* | *Lm2962* |
| *Blake* | *John A.* | *16-May-88* | *156* | *Lm2522* |
| *Sammut* | *Francis X.* | *01-Sep-88* | *159* | *Lm2268* |
| *Warrington* | *Henry* | *01-Jan-89* | *163* | *Lm2802* |
| *Zrinzo* | *Edwin* | *01-Jan-89* | *163* | *Lm3202* |
| *Abela* | *Michael F.* | *01-Feb-89* | *164* | *Lm3126* |
| *Smith* | *Joseph* | *01-Jun-89* | *168* | *Lm2742* |
| *Cann* | *Edward* | *12-Jun-89* | *169* | *Lm2268* |
| *Azzopardi* | *Carmel* | *12-Dec-89* | *175* | *Lm2658* |
| *Agius* | *Nicholas* | *11-May-90* | *180* | *Lm2556* |
| *Agius* | *Joseph M.* | *01-Jul-90* | *181* | *Lm3222* |
| *Fiorini* | *Maurice* | *01-Jul-90* | *181* | *Lm3566* |
| *Vella* | *Joseph F.* | *01-Jan-91* | *187* | *Lm3566* |
| *Borg Cardona* | *Austin* | *05-Mar-91* | *190* | *Lm3118* |
| *Blake* | *Albert C.* | *20-May-91* | *192* | *Lm3658* |
| *Critien* | *Joseph A.* | *01-Nov-91* | *197* | *Lm3755* |
| *Grixti* | *Joseph* | *28-Nov-91* | *198* | *Lm3391* |
| *Zerafa Boffa* | *Laurence* | *19-Jun-92* | *205* | *Lm4079* |
| *Pisani* | *Charles J.M.* | *20-Jul-92* | *206* | *Lm3970* |
| *Pace Cole* | *Albert* | *01-Sep-92* | *207* | *Lm3607* |

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti, huma biss dawn li ma humiex milquta bin-novazzjoni li sehhet bil-Ftehim Kollettiv tal-1 ta' Ottubru, 1992, u dawk sussegwenti.*

*"Fil-kuntest tat-tielet u r-raba' eccezzjoni, din il-Qorti ma tarax li huma sostenibbli. Ic-citazzjoni hija cara bizzejjed ghal dak li hija t-talbiet tal-atturi; huma jridu li tigi ezegwita*

*fl-interezza taghha il-klawsola numru 8 tal-ftehim tal-1975. Dik il-klawsola hija cara, fis-sens li l-Korporazzjoni Telemalta kellha timplimenta skema ta' pensjoni simili ghal dik applikabbli ghall-haddiema tac-Civil tal-Gvern. Il-pensjoni tas-servizz tal-haddiema tal-Gvern hija regolata bl-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93), u l-Korporazzjoni/socjeta' konvenuta ghandha, ghalhekk, mudell car u definit li tista' tuza ghall-iskop indikat, salv l-emendi li gew miftiehma fl-istess ftehim. Skema ta' pensjoni, hu veru, hija komplessa, pero', wahda simili ghal dik li qed jitolbu l-atturi gia tezisti, u bazikament hija skema ta' pensjoni simili li l-Korporazzjoni Telemalta kellha tintroduci fl-1975.*

*"Il-Korporazzjoni Telemalta u s-socjeta' Maltacom ma inghatawx diskrizzjoni wiesgha fil-holqien tal-iskema tal-pensjoni. L-iskema tal-pensjoni ghandha tkun "bhal" jew "simili" dik tal-Gvern, li, fl-essenza taghha kienet pensjoni non kontributorja u kienet tinghata wara ghaxar snin servizz; l-ammont tal-pensjoni kien sa massimu ta' zewg terzi tas-salarju minghajr capping. Dan hu l-qafas li kellu jigi introdott bil-ftehim tal-1975, bil-proviso li dawk il-haddiema li kellhom il-fuq minn 50 sena u, kwindi, jaghtu anqas minn ghaxar snin servizz, xorta wahda jkunu intitolati ghal pensjoni. Huwa insult ghall-intelligenza ta' dak li jkun meta tissottometti, kif qed taghmel is-socjeta' konvenuta, li ebda Qorti ma tista' tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tas-socjeta', meta ghal kwazi ghoxrin sena shah is-socjeta' konvenuta, u l-Korporazzjoni Telemalta qabilha, lanqas biss ippruvat tezercita s-suppost diskrezzjoni li qed tippretendi li ghandha. L-iskema tal-pensjoni, jekk tinkorpora l-artikoli bazici u originali tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, partikolarment l-artikoli 6, 7, 10, 12, u 13 sa 18, bl-emendi maqbula fil-ftehim tal-1975, ghandha sservi ghall-iskop indikat. Ovvjament ikun ahjar jekk l-istess skema tkun "mlahma" bejn il-partijiet, pero', jekk is-socjeta' konvenuta tibqa' ma tezercitax id-diskrezzjoni taghha, il-Qorti trid bilfors tipprovdi hi, ghax altrimenti nistghu naslu ghall-assurd li parti tista' tohrog min u ma timplimentax obbligazzjoni fuq skuza li hi stess ma tridx tezercita d-*

*"diskrezzjoni" taghha biex taghmel il-parti taghha skond l-istess kuntratt.*

*"It-talba tal-atturi hija l-implimentazzjoni tal-ftehim tal-1975, u dan il-ftehim mhux daqshekk vag li ma jippermetthiex lill-Qorti timplimentah. Hu veru li, f'certi kazijiet, jekk ftehim hu vag, generali u minghajr kriterji ghal holqien tieghu, il-Qorti ma tkunx tista "tohloq" ftehim hi kontra l-volonta' tal-partijiet (ara, per ezempju, id-decizjoni ta' din il-Qorti moghtija fl-20 ta' Marzu, 2003, fil-kawza "E. Grech Cristal Bath Ltd vs Patiniott"), pero', meta l-ftehim huwa car u jaghti kriterji stabbilit kif jista' jitpogga fis-sehh, jekk parti wahda tonqos milli taghmel il-parti taghha biex il-ftehim ikun jista' jigi determinat, il-Qorti, f'dawn ic-cirkustanzi, ma tkunx qed timponi l-ghazla taghha l-partijiet, izda tkun qed twettaq hi stess dak li jkunu ftehmu fuqu l-partijiet.*

*"Kwindi anke it-tielet u r-raba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ma jimmeritawx li jigu milqugha.*

*"Ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni, il-Qorti hi sodisfatta, bid-dikjarazzjoni tal-atturi u mill-assjem tal-provi u d-dokumenti ezebiti, li l-atturi huma, fil-fatt, ex impjegati tas-socjeta' Cable and Wireless Ltd., u li kien gew sussegwentement assorbiti fil-korporazzjoni Telemalta. Din l-eccezzjoni ghandha, ghalhekk, titqies sorvolata bil-provi prodotti."*

## III. Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

### Il-pretensjonijiet tal-atturi

L-atturi, li kienu kollha impjegati ma' ditta privata cioe' l-Cable and Wireless Limited, gew assorbiti bhala haddiema, wara li fil-1975 twaqqfet il-Korporazzjoni Telemalta, mal-istess Korporazzjoni, liema korporazzjoni sussegwentement saret maghrufa bhala s-socjeta` Maltacom p.l.c. Fil-presenti sentenza l-imsemmija

Korporazzjoni u l-imsemmija socjeta` li ssucceditha ser jissejhu “il-konvenuti.”

Fil-1975, meta l-atturi gew hekk assorbiti bhala haddiema tal-konvenuti, gie ffirmat ftehim bejn l-atturi u l-konvenuti f’liema ftehim, fost affarijiet ohra, l-konvenuti obbligaw ruhhom, versu l-atturi, li jvaraw skema ta’ pensjoni tas-servizz ghall-istess atturi. Din l-iskema kellha tkun simili ghal dik tal-haddiema tal-Gvern;

B’mod partikolari, f’dan ir-rigward, gie miftiehem li “the Corporation will introduce a pension scheme similar to that operated by Government. A special provision will, however, be made to ensure that employees over the age of 50 years at the time of take-over will be entitled to a pension based on their years of service with the Corporation.” Hekk kienet tghid il-klawsola numru 8.1 tal-ftehim tat-23 ta’ Lulju, 1975, liema klawsola giet konfermata bi ftehim sussegwenti u cioe` dak li gie ffirmat fil-5 ta’ Novembru, 1981;

Il-konvenuti naqsu li jimplimentaw tali skema ta’ pensjoni u ghalhekk l-atturi qed isostnu li huma gew imcahhda minn dan id-dritt taghhom, filwaqt li jippretendu li l-klawsola in kwestjoni tal-imsemmi ftehim tal-1975 ghadha tghodd sallum. L-atturi jsostnu ukoll li dan in-nuqqas da parti tal-konvenuti jammonta ukoll ghal att ta’ diskriminazzjoni kontra taghhom;

Ghalhekk l-atturi, fic-citazzjoni talbu dikjarazzjoni, “jekk hemm bzonn,” illi l-imsemmi nuqqas tal-konvenuti hu agir diskriminatorju fil-konfront taghhom. Talbu ukoll li s-socjeta` konvenuta tigi ordnata timplimenta l-iskema ta’ pensjoni in kwestjoni u li fil-kaz li l-konvenuti jonqsu l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-ftehim in kwestjoni jigi jorbot bis-sahha tal-eventwali sentenza tal-Qorti;

**Fil-qosor il-konvenuti qed jeccepixxu :-**

1. Li l-atturi iridu jippruvaw li huma kienu impjegati mal-imsemmija ditta privata u wara mal-konvenuti;

2. Li l-ftehim tal-1975 u dak tal-1981 ma ghadhomx validi u vinkolanti, u dan stante li sussegwentement saru diversi “collective agreements” u fl-ebda minn dawn tal-ahhar il-konvenuti ma obbligaw ruhhom li jimplimentaw skema ta’ pensjoni. Skond il-konvenuti, ghalhekk, il-ftehim tal-1975 gie mhassar u res invalidu bil-ftehim li ssussegwew l-istess ftehim tal-1975.

3. It-talbiet attrici huma nulli u insostenibbli stante li ma hemmx specifikat dak li l-atturi qeghdin jippretendu li ghandhom jaghmlu l-konvenuti.

4. Skond il-ftehim tal-1975 l-iskema ta’ pensjoni kellha tkun wahda “similar” (mhux identika) ghal dik tal-Gvern, u ghalhekk il-konvenuti nghataw diskrezzjoni ghar-rigward ta’ x’tip ta’ skema ta’ pensjoni kellha tigi introdotta sakemm, pero’, din l-iskema tkun simili ghal dik tal-Gvern. Ghalhekk hadd, lanqas il-Qorti, ma jista’ jissostitwixxu d-diskrezzjoni tal-konvenuti;

5. Skond l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta ta’ l-1975 (Kap.250) u l-Att li Jirregola t-Telekommunikazzjonijiet ta’ l-1997 (Kap. 399), il-konvenuti ma jistghux jimplimentaw skema bhal dik in kwistjoni minghajr l-approvazzjoni tal-Ministru koncernat, liema approvazzjoni la qatt intalbet u lanqas qatt ma giet moghtija;

6. Jekk it-talbiet jigu milqugha dan ikun ksur ta’ ligijiet ta’ ordni pubbliku, b’mod partikolari l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) u l-Att dwar is-Sigurta Nazzjonali ta’ l-1956 (Kap. 147);

7. L-atturi ma ghandhomx l-interess guridiku biex jipproponu din il-kawza peress li l-ammont ta’ pensjoni li semmai l-atturi jistghu jircievu ghandu jigi dedott mill-pensjoni li huma jkunu intitolati ghalih ai termini ta’ l-Att dwar is-Sigurta Socjali jew l-Att dwar is-Sigurta Nazzjonali;

8. F’kaz li t-talbiet tal-atturi jigu milqugha, huma ser igawdu minn arrikiment ingust;

9. Is-socjeta` eccipjenti mhux qed tagixxi b’xi mod diskriminatorju;

10. It-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

## Sentenza tal-ewwel Qorti

Ghal finijiet tal-kjarezza jinghad li l-ewwel Qorti ddisponiet mill-kawza billi (a) laqghet id-disa’ eccezzjoni u b’hekk cahdet it-talba tal-atturi ghal dikjarazzjoni li s-socjeta’ konvenuta agiet b’mod diskriminatorju fil-konfront taghhom; (b) qieset li l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata bil-provi; (c) cahdet it-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitt, is-seba’, it-tmien u l-ghaxar eccezzjoni u (d) laqghet in parte t-tieni eccezzjoni u dana fis-sens li l-klawsola in kwistjoni giet annullata biss bil-ftehim li kien fis-sehh fil-1993 u kwindi din l-eccezzjoni giet akkolta fil-konfront tal-atturi kollha, bl-eccezzjoni ta’ hamsa u tletin (35) minnhom, li kienu rtiraw mis-servizz qabel l-1 ta’ Ottubru, 1992 u ghalhekk fil-konfront ta’ dawn tal-ahhar it-talbiet attrici gew akkolti;

## L-Appell tal-Atturi

L-atturi kollha appellaw mill-imsemmija sentenza u talbu li din il-Qorti tbiddel l-istess sentenza appellata billi tichad id-disa’ eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u b’hekk jigi dikjarat li l-agir tal-konvenuti kien diskriminatorju. L-atturi, li kellhom it-talba taghhom ghall-implimentazzjoni tal-iskema tal-pensjoni in kwestjoni michuda, appellaw ukoll mill-istess sentenza u talbu li t-tieni eccezzjoni in kwantu tolqot lilhom tigi ukoll rigettata fil-konfront taghhom ukoll u b’hekk it-talbiet attrici kif dedotti jigu akkolti fil-konfront tal-atturi kollha;

**L-Appell tal-konvenuti**

Anke s-socjeta` konvenuta hassitha aggravata b'dawk il-partijiet tas-sentenza fejn gew michuda it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sebgha u l-ghaxar eccezzjoni taghha u minn dik il-parti tas-sentenza fejn cahdet in parte it-tieni eccezzjoni u laqghet it-talbiet attrici fil-konfront ta' dawk mill-atturi li rtiraw mis-servizz qabel l-1 ta' Ottubru 1992. Ghalhekk il-konvenuti qed jappellaw sabiex tigi riformata s-sentenza appellata billi jigu michuda t-talbiet anke fil-konfront tal-imsemmija hamsa u tletin atturi;

Il-konvenuti kkonfermaw li mhux qed jappellaw mid-decizjoni ta' l-ewwel qorti fejn gew michuda l-eccezzjonijiet numru 6 u 8. Fl-eccezzjoni numru sitta (6) il-konvenuti sostnew li jekk jigu akkolti t-talbiet attrici dan ikun bi ksur ta' ligijiet ta' ordni pubbliku, b'mod partikolari l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318) u l-Att dwar is-Sigurta Nazzjonali ta' l-1956 (Kap. 147). Fl-eccezzjoni numru tmienja (8) il-konvenuti eccipew li f'kaz li t-talbiet tal-atturi jigu milqugha, l-atturi ser igawdu minn arrikiment ingust. Il-konvenuti stqarrew li dawn iz-zewg eccezzjonijiet kienu gew irtirati minnhom fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom. Konsegwentament, il-konkluzjonijiet raggunti fis-sentenza appellata dwar l-ewwel (1), is-sitta (6), u t-tmienja (8) eccezzjoni, la ma sar l-ebda appell minnhom, issa ghaddew f'gudikat. Il-konvenuti inoltre ddikjaraw li mhux qed isir appell mid-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn cahdet l-eccezzjoni numru wiehed (1) liema eccezzjoni kienet tirrigwarda prova li kellhom jaghmlu l-atturi dwar li huma kienu impjegati mal-imsemmija ditta privata u wara gew impjegati mal-konvenuti;

Ghalhekk in vista tal-appelli li ghamlu l-partijiet iridu jigu esaminati u decizi t-talbiet kollha attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet numru tnejn, tlieta, erbgha, hamsa, sebgha, disgha u ghaxra tal-konvenuti;

**Il-fatti rilevanti**

Il-fatti rilevanti huma sostanzjalment dawk indikati fic-citazzjoni. L-atturi ex dipendenti tad-ditta "Cable and Wireless" gew, fil-1975, assorbiti biex jahdmu mal-konvenuti u ghalhekk kien sar il-ftehim in kwestjoni li kien jinkludi l-imsemmija klawsola 8. Inoltre ghandu jigi wkoll rilevat li jirrizulta li l-ftehim tal-1975, kif ukoll dak tal-1981, gew iffirmati ukoll mill-Gvern kif rappresentat mill-Ministru tat-Telekomunikazzjonijiet ta' dak iz-zmien.

F'Marzu tal-1980 il-konvenuti unilateralment u irregolarment iddecidew li ma kienux ser jimplimentaw l-iskema ta' pensjoni miftiehma fil-1975. Il-konvenuti ddikjaraw li hadu din id-decizjoni in vista tal-introduzzjoni fil-1979 tal-iskema ta' pensjoni nazzjonali u cioe` dik maghrufa bhala tad-due terzi.

Jigi rilevat ukoll li dak li tnizzel fil-"financial reports," fl-"accounting policy "u fl-"audited accounts" tal-konvenuti, hu ghal kollox irrilevanti ghal finijiet ta' dawn il-proceduri. Hu wkoll totalment irrilevanti l-fatt li l-"accounts" gew approvati mill-istess konvenuti;

Jirrizulta li saru diversi "collective agreements" wara l-ftehim imsemmi tal-1975 u jirrizulta bhala fatt li l-ebda wiehed minn dawn il-ftehim sussegwenti ma jsemmu b'mod specifiku l-iskema ta' pensjoni in kwestjoni.

**L-ewwel aggravju tal-konvenuti**

L-ewwel aggravju tal-konvenuti jirrigwarda n-nullita' tas-sentenza appellata billi, skond l-istess konvenuti, hemm diskrepanza bejn il-mod kif l-atturi talbu li ghandha tinhadem il-pensjoni pretiza u l-mod kif il-Qorti ordnat li ghandha tithaddem l-istess skema ta' pensjoni. Konsegwentement is-sentenza appellata, skond il-konvenuti, hi nulla peress li pprovdiet b'mod li marret ultra jew extra petita.

Hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li ma hemm l-ebda diskrepanza bejn dak li gie miftiehem fil-1975 u dak li gie deciz fis-sentenza tal-ewwel Qorti. Ma jirrizultax li l-ewwel Qorti bis-sentenza taghha marret oltre dak li gie mitlub mill-atturi.

Fil-klawsola in kwestjoni tal-ftehim tal-1975 gie pattwit testwalment kif gej - "It is understood that the Corporation will introduce a pension scheme similar to that operated by the Government. A special provision will, however, be made to ensure that employees over the age of 50 years at the time of take-over will be entitled to a pension based on their years of service with the Corporation. Where a former Cable and Wireless employee dies in the service of the Corporation before the introduction of a pension scheme, the Corporation may grant to his widow, or if his widow has predeceased him, to his minor children, a gratuity of an amount not exceeding his annual salary including any cost of living increases."

Hu car li skond l-imsemmija klawsola l-konvenuti obbligaw ruhhom li jimplimentaw skema ta' pensjonijiet. Inoltre l-partijiet ftehmu li din l-iskema kellha tkun simili ghal dik tal-Gvern. Hu car li l-partijiet meta ftehmu fil-1975 kellhom f'mohhom il-provedimenti tal-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap.93) li dak iz-zmien kienet tirregola l-pensjonijiet tal-haddiema tal-Gvern. Skond l-imsemmija provedimenti l-haddiema mal-Gvern kienu intitolati ghal-pensjoni li kienet relatata mas-salarju taghhom u cioe' zewg terzi tas-salarju. Il-partijiet ftehmu wkoll fil-1975 li anke jekk impjegat ma kellux ghaxar (10) snin servizz huwa xorta wahda kellu jkun intitolat ghal pensjoni, li kellha tkun ibbazata fuq il-perjodu ta' servizz attwali moghti lill-Korporazzjoni.

Il-partijiet ghalhekk mhux biss ftehmu li kellha tigi implimentata skema ta' pensjoni, izda ftehmu wkoll liema forma kellha tiehu din l-istess skema. Issa l-ewwel Qorti, fost affarijiet ohra, ddecidiet, fil-konfront ta' dawk l-atturi li rtiraw mis-servizz qabel l-1 ta' Ottubru, 1992, billi pprefiggiet terminu li fih il-konvenuti kellhom jimplimentaw l-iskema in kwestjoni u liema skema, skond is-sentenza appellata, kellha "jkollha bhala l-qafas taghha l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93), salv il-modifiki patwiti." Inoltre tali skema trid tkun non kontributorja u bl-ammont tal-pensjoni jkun sa massimu ta' zewg terzi ta' l-ahhar salarju tal-impjegat koncernat. Il-Qorti kompliet tipprovdi billi

ordnat li f'kaz li l-konvenuti jonqsu li jimplimentaw tali skema tal-pensjoni fi zmien lilhom mghoti, l-istess iskema kellha titqies li hi implimentata b'effett tal-istess sentenza u dana b'sehh mill-1 ta' Jannar, 1975. Skond l-ewwel Qorti l-iskema ghandha titqies li tkun tikkomprendi l-artikoli 6, 7, 10, 12 u 13 sa 18, tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), bil-modifiki necessarji skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u skond kif mehtiega minn dak espressament patwit fil-ftehim in kwestjoni tal-1975;

Ghalhekk ma tirrizulta ebda diskrepanza bejn it-talbiet attrici u d-decizjoni tal-ewwel Qorti. Inoltre fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ma kkoncediet xejn aktar minn dak li gie mitlub. Fid-dawl ta dan kollu l-ewwel aggravju tal-konvenut ma jista' qatt jigi akkolt;

**It-tieni Aggravju tal-konvenuti.**

It-tieni aggravju tal-konvenuti jirreferi ghall-fatt li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni numru seba' (7) tal-konvenuti rigwardanti in-nuqqas ta' interess guridiku da parti tal-atturi li jipproponu din il-kawza.

Skond il-konvenuti l-obbligu taghhom, li jimplimentaw skema ta' pensjoni simili ghal dik tal-Gvern, gie ezawrit bl-introduzzjoni fil-1979 tal-pensjoni nazzjonali, hekk maghrufa bhala "tad-due terzi." Il-konvenuti ddikjaraw li kien minhabba li giet implimentata l-imsemmija ligi fil-1979 li huma ma varawx l-iskema tal-pensjoni kif kienu obbligati li jaghmlu bl-imsemmi ftehim tal-1975. Skond il-konvenuti wara l-1979 ma kienx hemm iktar skop li tigi introdotta pensjoni tas-servizz ghall-ex impjegati tal-Cable and Wireless, cioe' ghall-atturi. Inoltre skond il-konvenuti, fi kwalunkwe kaz, l-ammont ta' tali pensjoni tas-servizz kellu jigi mnaqqas skond il-provedimenti l-istess Att tal-1979, li kien jipprovdi ghal hekk imsejjah "capping.".

Dan l-ahhar argument, cioe` li semmai l-pensjoni tas-servizz li qed jippretendu l-atturi, trid fi kwalunkwe kaz titnaqqas mill-pensjoni tad-due terzi, in effett ma jattakkax il-meritu ta' din il-vertenza. Fi kliem iehor jekk l-atturi ghandhom id-dritt li jircievu pensjoni tas-servizz, dan id-

dritt per se jibqa' jesisti apparti kull pensjoni ohra li jistghu jkunu intitolati ghaliha l-atturi u irrispettivament mill-fatt li xi pensjoni ohra trid titnaqqas bl-ammont tal-pensjoni tas-servizz.

Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti meta din tal-ahhar cahdet l-eccezzjoni in kwestjoni rigwardanti l-karenza ta' interess guridiku da parti tal-atturi u dana in vista tal-fatt li jekk ghandu jkun hemm tnaqqis dan semmai ghandu jsir mill-Awtorita' kompetenti (il-Gvern) skond il-ligi u mhux mis-socjeta` konvenuta. Ghalhekk l-atturi ghandhom l-interess necessarju sabiex jipproponu dawn il-proceduri. Il-fatt li skond il-ligi l-pensjoni tas-servizz trid titnaqqas mill-pensjoni nazzjonali introdotta fil-1979 ma jesentax lill-konvenuti milli jimplimentaw l-iskema in kwestjoni u lanqas ma jattakkax l-interess tal-atturi li jaraw li d-drittijiet pretizi minnhom jigu kawtelati u implimentati.

Ghalhekk il-konvenuti ma kienux korretti meta rrifjutaw li jvaraw l-iskema in kwestjoni. Barra minn hekk il-ftehim sar fil-1975 u l-Att li bih giet introdotta l-pensjoni nazzjonali kien tal-1979. Ghalhekk il-konvenuti zgur hlew erba' snin li fihom setghu facilment jimplimentaw l-iskema in kwestjoni. Jista' jkun li l-implimentazzjoni ta' skema bhal dik in kwestjoni tista tkun kumplessa u komplikata. Erba' snin pero' hu zmien bizzejjed biex l-iskema setghet tigi varata. Donnu li l-konvenuti qaghdu jistennew li jigu in vigore l-provedimenti tal-1979 dwar pensjoni nazzjonali sabiex huma jevitaw l-obbligi taghhom naxxenti mill-ftehim tal-1975.

Inoltre l-konvenuti stess jikkoncedu li l-iskema tal-pensjoni tas-servizz tal-gvern kontemplata fl-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet ma gietx abrogata bl-emendi ta' l-1979, pero` skond il-konvenuti la darba lill-atturi inghatalhom id-dritt li jiehdu l-pensjoni tad-due terzi huma gew f'pozizzjoni 'simili' jekk mhux identika ghal dik ta' l-ufficjali pubblici u dan ghal dak li jirrigwarda jew jikkoncerna l-pensjoni. F'dan ir-rigward irid jigi rilevat li, skond il-ftehim in kwestjoni, kienet l-iskema tal-pensjoni tas-servizz ghall-atturi li kellha tkun "simili" ghal dik tal-Gvern u mhux il-posizzjoni tal-atturi fil-konfront ta' ufficjali pubblici;

Hu ghal kollox immaterjali, ghal finijiet ta' dawn il-proceduri, jekk l-atturi jaqbilhomx jew le, li jinghataw id-dritt ta' pensjoni tas-servizz. Hu ukoll irrilevanti li l-atturi jekk jircievu l-pensjoni ta' servizz li qieghdin jippretendu u r-"retirement pension", komplessivament, huma jkunu qed jircievu ammont li jeccedi l-pensjoni tad-due terzi li huma intitolati ghaliha skond il-ligi.

Hu rilevanti, pero`, li jigi rilevat li la l-ftehim tal-1975 u lanqas dak tal-1981 ma jirrizultaw redatti f'termini generali u l-istess ftehim huma cari u jista' jifhimhom kulhadd. Il-ftehim tal-1981 gie ffirmat wara li l-konvenuti ddecidew li ma kienx hemm bzonn li tigi implimentata l-iskema ta' pensjoni in kwestjoni. Dwar dan, pero', ma ntqal xejn fl-imsemmi ftehim tal-1981, anzi jirrizulta li l-klawsola in kwestjoni giet konfermata. Hu stabbilit u ben assodat li fis-sistema guridiku taghna biex tinbidel klawsola fi ftehim hemm bzonn ir-rieda tal-partijiet kollha ghall-istess ftehim u parti wahda ma tistax unilateralment tiddeciedi li m'ghadhiex vinkolata bl-obbligi taghha naxxenti mill-istess ftehim, kif donnhom qed jippretendu l-konvenuti.

Ghalhekk l-interess tal-atturi hu wiehed konkret u jesisti fil-konfront tal-konvenuti. Sewwa qalet l-ewwel Qorti, fuq l-iskorta tal-gurisprudenza nostrana li - "l-interess ghandu jkun jissussisti fil-konfront tal-konvenut, u huwa dan il-principju ta' kontestazzjoni tal-attur fil-konfront tal-konvenut li jirradika l-azzjoni kontra l-konvenut u tindikah bhala l-legittimu kontradittur tal-attur."

In vista tal-premess din il-kawza tal-atturi saret b'mod regolari. It-talbiet tal-atturi huma diretti kontra minn iffirma l-ftehim in kwestjoni. Jirrizultaw ukoll l-elementi kollha ta' interess necessarji sabiex setghet issir din il-kawza.

In vista ta' dan kollu dan it-tieni aggravju tal-konvenuti ma jista qatt jigi akkolt.

**It-tielet Aggravju tal-konvenuti w it-tieni Aggravju ta' l-atturi**

Il-konvenuti bhala tielet aggravju taghhom jirritjenu li l-ftehim tal-1975 gie sorpassat bil-“collective agreements” kollha li saru sussegwentement.  Il-konvenuti jhossu ruhhom aggravati billi l-ewwel Qorti cahdet in parte it-tieni eccezzjoni taghhom fis-sens li ma kinux il-ftehim kollha li ssussegwew dak tal-1975 li annullaw l-istess l-ewwel ftehim. Skond l-ewwel Qorti kien biss il-ftehim li kien fis-sehh fil-1993 u l-ftehim li ssussegwewh li invalidaw u rrendew ineffikaci l-imsemmi ftehim tal-1975. L-ewwel Qorti ghalhekk ikkonkludiet li l-ftehim originali tal-1975 gie sorpassat u annullat biss meta dahal fis-sehh il-ftehim iffirmat fil-1993, kif ukoll meta gew iffirmati l-ftehim ta’ wara din l-ahhar data. Dejjem skond l-ewwel Qorti fil-1993 gie annullat il-ftehim originali u sehhet novazzjoni ghar-rigward tal-istess ftehim originali. Bhala konsegwenza t-talbiet attrici gew akkolti biss fil-konfront ta’ dawk mill-atturi li rtiraw qabel ma dahal fis-sehh il-ftehim tal-1993, filwaqt li gew rigettati fil-konfront tal-atturi l-ohra kollha.

Il-ftehim tal-1975 ma jiddeskrivix lilu nnifsu bhala «ftehim kollettiv». Ftehim kollettiv, essenzjalment, jirregola l-kondizzjonijiet tal-l-impieg. Skond il-konvenuti, kif ukoll l-ewwel Qorti, dawn jinkludu ukoll dak li jirrigwarda l-pensjoni tal-haddiema. Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-ftehim tal-1975 irregola l-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-atturi, li kienu impjegati ma’ ditta privata u issa kienu ser jigu assorbiti biex jahdmu mal-konvenuti. Ma kienx ftehim li kien qed jirregola l-kondizzjonijiet tax-xoghol ta’ haddiema li kienu gia jahdmu mal-konvenuti billi kien hemm esigenza li l-kondizzjonijiet vigenti jitbiddlu sar ftehim kollettiv. Ma kienx ftehim li kien qed ibiddel il-kondizzjonijiet tax-xoghol gia esistenti bejn id-datur tax-xoghol u l-impjegati tieghu.  Bdil fil-kondizzjoni tax-xoghol jistghu jkunu ddettati minn diversi fatturi, filwaqt li l-ftehim in kwestjoni principalment kien qed jirregola l-kondizzjonijiet li bihom l-atturi ex impjegati ta’ ditta privata kienu qed jaccettaw li jibdew jahdmu mal-konvenuti, li da parti taghhom ukoll accettaw dawk il-kondizzjonijiet kif gew miftehma.

In effett jirrizulta li dan il-ftehim kien konsegwenza ta’ negozjati li ma kienux facli u li kienu damu sejrin ghal

zmien pjuttost twil. Fost affarijiet ohra l-atturi pemezz ta' dan il-ftehim akkwistaw id-dritt ghall pensjoni tas-servizz. Li kieku l-konvenuti ma ddecidewx unilateralment u irregolarment li ma kienx hemm bzonn li tigi varata l-iskema in kwestjoni u li kieku l-konvenuti hadu zmien ragjonevoli biex effettivament ivaraw tali skema, l-atturi kien ikollhom dan id-dritt taghhom sancit u zgur li l-ebda ftehim sussegwenti ma kien ser ibiddel, ivarja jew jannulla skema ta' pensjoni tas-servizz li kienet regolari u legali.

Kif gia' gie rilevat il-konvenuti jsostnu li l-ftehim kollettiv kollha li gew wara l-1975 hassru l-istess ftehim tal-1975 u jikkostitwixxu novazzjoni ghar-rigward tal-istess ftehim originali.

Skond l-ewwel Qorti kien biss il-ftehim kollettiv li kien fis-sehh fil-1993 li hassar il-ftehim originali u kkostitwixxa novazzjoni oggettiva ai termini ta' l-Artikolu 1179 tal-Kodici Civili.

Anke` l-atturi hassewhom aggravati bil-fatt li s-sentenza appellata waslet ghall-ahhar imsemmija konkluzjoni billi laqghet in parte t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti. Ghalhekk, huwa opportun li dawn l-aggravji rispettivi tal-kontendenti jkunu trattati flimkien f'din il-parti tas-sentenza.

Din il-Qorti, bir-rispett kollu, la taqbel ma dak li qed jikkontendu l-konvenuti u lanqas ma dak li rriteniet l-ewwel Qorti. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-klawsola numru tmienja tal-ftehim tal-1975 ma thassritx bl-ebda ftehim iehor sussegwenti u u ghalhekk ma saret ebda novazzjoni fil-konfront taghha.

In-novazzjoni hi regolata bl-artikolu 1179 tal-Kodici Civili li testwalment iddisponi li - "Hemm novazzjoni (a) meta d-debitur jaghmel mal-kuntrattur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqghied flok il-qadim, illi jispicca … …" L-Artikolu 1180(2) ikompli jipprovdi li n-novazzjoni ma tista qatt tigi prezunta. Ma hemmx ghalfejn, pero`, li jigi espressament dikjarat li qed issir novazzjoni, pero' l-intenzjoni li ssir novazzjoni ghandha tirrizulta b'mod car. B'hekk gie diversi

drabi ritenut li l-intenzjoni li ssir novazzjoni ma tistax tkun presunta pero` lanqas ma hemm bzonn li tkun espressa. Hu bizzejjed li l-intenzjoni tan-novazzjoni tirrizulta kjarament. Inoltre l-artikolu 1181 jipprovdi li “ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla.”

Ma hemmx dubju li l-ftehim tal-1981 ma hassarx il-klawsola tmienja tal-ftehim ta’ l-1975 in kwestjoni anzi indirettament l-istess klawsola giet konfermata bl-imsemmi ftehim tal-1981. Hu minnu li l-ebda ftehim sussegwenti ghal dawk tal-1975 u 1981 ma jsemmu l-iskema ta’ pensjoni tas-servizz in kwestjoni jew l-obbligu tal-konvenuti li jimplimentaw tali skema. L-ewwel ftehim wara l-1981 kien ikopri l-perjodu bejn 1 ta’ Ottubru 1986 sat-30 ta’ Settembru 1989. Jirrizulta li fil-ftehim kollettiv li kien ikopri l-perjodu mill-1 ta’ Ottubru, 1992, sal-31 ta’ Dicembru, 1995, giet inklusa klawsola fis-sens li dak kien l-uniku ftehim li jorbot il-partijiet. In effett f’dan l-ahhar imsemmi ftehim jinghad li - “This Agreement is the sole and exclusive instrument regulating the relations, rights and duties of the contracting parties, and all previous collective agreements, annexes, appendices and agreed minutes no longer apply”. Kliem f’dan l-istess sens jinsab ukoll fil-ftehim kollettiv sussegwenti, cioe’ dak li jkopri l-perjodu mill-1 ta’ Jannar, 1996 sal-31 ta’ Dicembru, 1998, kif ukoll fi ftehim iehor sussegwenti.

Li jrid jigi deciz hu jekk kienx hemm novazzjoni tal-imsemmi ftehim tal-1975 u jekk kien hemm meta sehhet din in-novazzjoni b’mod partikolari jekk sehhitx meta giet introdotta ghall-ewwel darba l-imsemmija klawsola esklussiva u dana fil-ftehim li gie fis-sehh fl-1 ta’ Ottubru, 1992.

Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti m’hemmx dubju li “ftehim kollettiv” ghandu l-effetti kollha ta’ kuntratt jew ftehim. Ma hemmx dubju li ftehim kollettiv hu legali u jista’ jigi enforzat bhal kull kuntratt iehor. Dan gie konfermat minn din il-Qorti fil-kawza “Sammut vs Vassallo noe” deciza fid-19 ta’ Mejju, 2000 fejn gie ritenut li Ftehim Kollettiv jikkostitwixxi kuntratt bejn il-firmatarji tieghu. Ftehim

kollettiv generalment jistabilixxi l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet tax-xoghol ta’ l-impjegati, u jinkludi ukoll l-obbligi ta’ min qed ihaddem.

Basikament in-novazzjoni hija mod ta’ estinizzjoni tal-obbligazzjoni. L-obbligazzjoni precedenti tigi estinta u dan billi tinholoq obbligazzjoni ohra. Il-ligi tiddefinixxi li ssir novazzjoni meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan id-dejn il-gdid jiehu post id-dejn il-qadim li jispicca. F’dan il-kaz zgur li ma rrizultax li xi hadd ghamel “dejn” gdid li ha post wiehed qadim.

B’referenza ghal gurisprudenza nostrani gie ritenut li biex issehh novazzjoni hemm bzonn li jirrizulta kjarament li z-zewg partijiet riedu li ssehh novazzjoni. (ara “Frendo Randon vs Gera” deciza minn din il-Qorti fis-27 ta’ Gunju 1952). Gie ukoll ritenut li biex jista’ jinghad li sehhet novazzjoni hemm bzonn li tirrizuta inkompatibilita’ fl-ezistenza ta’ zewg obbligazzjonijiet, u fil-kaz ta’ dubbju in-novazzjoni ghandha tigi eskluza.

L-ewwel Qorti ghamlet referenza ghal kawza “Koludrovich vs Muscat” deciza minn din il-Qorti fit-25 ta’ Mejju, 1956 u hu rilevanti li, fil-presenti sentenza, jigi riportat dak li qalet il-Qorti u cioe’ - “Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tigix maqtula, imma semplicement modifikata; ghalhiex, billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruhha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni gdida in sostituzzjoni ghall-antika, li tigi mill-partijiet imhassra. Mhux kull modifika, ghalhekk, iggib l-estinzjoni tal-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistghu jzidu jew inaqqsu xi haga minghajr ma tigi annullata l-obbligazzjoni, bir-rizultat li tkun giet biss modifikata … In-novazzjoni trid tigi pruvata minn min jallegaha, u f’kaz ta’ dubju ghandha tigi eskluza”intqal.

Tenut kont ta’ dan kollu ma jirrizultax li l-partijiet fir-rigward tal-ftehim tal-1975, meta ffirmaw il-ftehim kollha sussegwenti, riedu li ssehh novazzjoni ghar-rigward tal-obbligazzjoni naxxenti mill-klawsola 8 ta’ l-istess ftehim, li tigi varata skema ta’ pensjoni. Ma jirrizulta xejn

inkompatibbli bejn l-istess obbligazzjoni kif kontenuta fil-ftehim tal-1975 u l-kontenut tal-ftehim kollha li ssussegwew l-istess ftehim. Ma hemm xejn fil-ftehim sussegwenti li jiskonvolgi b'mod determinanti l-klawsola in kwestjoni. Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu ma jirrizultawx l-elementi kollha mehtiega biex jista jinghad li sehhet in-novazzjoni oggettiva ghar-rigward tal-klawsola numru 8 in kwestjoni.

Lanqas ma jirrizulta li l-kredituri cioe` l-atturi taw il-kunsens taghhom ghat-thassir tal-ftehim originali. Il-ftehim kollettiv li segwew dak originali tal-1975 setghu bidlu xi kondizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema, pero', zgur ma jistax jinghad li invalidaw jew annullaw il-klawsola in kwestjoni kif kontenuta fil-ftehim tal-1975.  Ghalhekk jekk jinghad li saret modifika, tali modifika tirreferi ghall-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-atturi u ghalhekk ma kienx hemm modifiki li jista' jinghad li jammontaw ghall-annullament tal-istess klawsola in kwestjoni.

L-ewwel Qorti, pero', rriteniet li sehhet novazzjoni bil-ftehim fejn specifikament gie dikjarat li dak kien "uniku" ftehim li kellu jirregola r-relazzjonijiet tal-partijiet. Skond l-ewwel Qorti din hi dikjarazzjoni espressa tal-partijiet fis-sens li b'din id-dikjarazzjoni urew li kienet ir-rieda taghhom li dak kollu li sehh qabel ghandu jitqies superat, bid-drittijiet reciproci tal-partijiet issa regolati biss bil-ftehim il-godda.

Kif gia' gie ritenut din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti. Zgur li ma jirrizultax li meta l-partijiet dahlu fil-ftehim dan it-tip ta' klawsola ("ta esklusivita`") huma kellhom f'mohhom jew kellhom l-intenzjoni li jhassru l-klawsola in kwestjoni tal-ftehim tal-1975. L-introduzzjoni ta' klawsola bhal din ma tammontax ghal manifestazzjoni minn naha tal-partijiet (b'mod specjali l-atturi) li riedu li dak li gie miftiehem snin qabel jintnesa u li huma kienu qed jirrinunzjaw ghad-drittijiet taghhom naxxenti mill-ftehim tal-1975.  Ma jistax jitqies li l-atturi kienu qed jaqblu li jithassru d-drittijiet taghhom meta dawn id-drittijiet ma gewx implimentati minhabba nuqqasijiet serji da parti tal-konvenuti. Lanqas ma jista'

jinghad li jirrizulta li l-partijiet kellhom f'mohhom li jeskludu dritt tal-atturi, (cioe` ta' parti) u b'hekk l-atturi ma jkollhomx aktar id-dritt li jippretendi li jinghataw id-drittijiet taghhom naxxenti minn ftehim passat. Meta l-partijiet ftehmu li r-relazzjonijiet taghhom kellhom jigu esklussivament regolati mill-ftehim sussegwenti, evidentement huma kellhom f'mohhom il-kondizzjonijiet normali tax-xoghol bhal pagi, leave u overtime.

L-ewwel Qorti ddikjarat li l-haddiema huma obbligati bil-ligi li jonoraw u jesegwixxu l-obbligazzjonijiet kollha li l-mandatarju taghhom ikun innegozja. X'jigri pero' jekk il-mandatarju jeccedi l-poteri tieghu? L-atturi kienu akkwistaw drittijiet bil-ftehim tal-1975 u minn imkien ma jirrizulta b'mod car li huma riedu jirrinunzjaw ghal tali drittijiet u dan ukoll minghajr ebda korrispettiv.

Ghal din il-Qorti hu ovvju li jekk jigi konsidrat li saret novazzjoni u b'hekk l-atturi tilfu d-dritt taghhom ghal pensjoni tas-servizz, ma jistax jinghad li l-ftehim in kwestjoni kien ta' vantagg ghall-atturi, anzi hu ftehim li jizvantaggja lill-istess atturi.

Skond l-ewwel Qorti n-novazzjoni sehhet b'effett mill-1 ta' Ottubru, 1992, u mhux qabel. Ghalhekk, dejjem skond l-ewwel Qorti, it-tieni eccezzjoni ghandha tigi michuda ghar-rigward ta' dawk l-atturi li rtiraw qabel l-1 ta' Ottubru, 1992, cioe` meta sehhet in-novazzjoni. Skond din il-Qorti qatt ma sehhet novazzjoni. Kwindi l-istess eccezzjoni ghandha tigi michuda fil-konfront tal-atturi kollha u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti fil-konfront tal-atturi kollha. Ghalhekk l-atturi kollha ghandhom dritt ghall-pensjoni tas-servizz, liema pensjoni ghandha tkun intatta.

Ghalhekk in konkluzjoni ghandu jinghad li d-dritt ghal pensjoni tas-servizz ta' l-atturi gie akkwistat fl-1975 u baqa' minghajr ma gie rivedut jew imhassar almenu sa meta inbdew dawn il-proceduri. F'dan is-sens dan l-aggravju tal-konvenuti ghandu jigu michud.

**Ir-raba' Aggravju tal-konvenuti**

Fir-raba’ aggravju taghhom il-konvenuti jsostnu li t-talbiet attrici huma ambigwi. Din hi t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti li giet michuda mill-ewwel Qorti. Il-konvenuti, f’dan ir-rigward, jissottomettu li l-atturi ma jispecifikawx b’mod car u inekwivoku dak li huma qed jippretendu li s-socjeta konvenuta ghandha taghmel. Skond il-konvenuti skema ta’ pensjoni hija min-natura taghha komplessa u tista’ tiehu diversi forom.

Jirrizulta li l-atturi essenzjalment qed jitolbu li jigi esegwit minn naha tal-konvenuti l-obbligu li l-istess konvenuti assumew u cioe` li tigi implimentata skema ta’ pensjoni tas-servizz. Din il-Qorti ma tara xejn ambigwu fit-talbiet attrici, liema talbiet huma pjuttost cari. L-atturi qed jinsistu li tigi implimentata skema ta’ pensjoni simili ghal dik tal-Gvern. F’dan, kif gia gie rilevat, ma hemm l-ebda diskrepanza bejn it-talbiet tal-attur u l-mod kif pensjoni tas-servizz tal-impjegati tal-Gvern ghandha tinhadem.

Ghalhekk dan l-aggravju ukoll ghandu jigi michud.

**Il-hames Aggravju tal-konvenuti**

Fil-hames aggravju taghhom il-konvenuti jissottomettu li huma, skond il-ftehim tal-1975, nghataw diskrezzjoni kif kellha tigi implimentata l-iskema tal-pensjoni. Hawnhekk il-konvenuti jaghmlu referenza ghar-raba’ eccezzjoni taghhom liema eccezzjoni giet michuda mill-ewwel Qorti. F’din l-eccezzjoni il-konvenuti jippretendu li t-talbiet attrici huma insostenibbli stante li l-konvenuti nghataw diskrezzjoni ghar-rigward ta’ x’tip ta’ skema ta’ pensjoni kellha tigi introdotta.

Kif gia’ gie rilevat il-partijiet ftehmu l-parametri u l-forma li kellha tiehu tali skema ta’ pensjoni u l-klawsola in kwestjoni hawn hi cara u inekwivoka. Il-konvenuti ftehmu u qablu li kellhom jimplimentaw skema ta’ pensjoni simili ghal dik tal-Gvern. Kwindi l-konvenuti ghandhom mudell car u ben definit kif kellha tkun l-istess skema. Ghalhekk hu zgur li l-konvenuti ma nghatawx diskrezzjoni illimitata

izda l-konfini tal-iskema gew ben delineati fil-ftehim, li del resto gie ukoll sottoskritt mill-konvenuti.

Skond din il-Qorti mhux rilevanti li l-konvenuti riedu jintroducu skema ta’ pensjoni tas-servizz ghal impjegati kollha taghhom u mhux biss ghall-atturi, ex impjegati tal-Cable and Wireless. Il-konvenuti jsostnu li ma setghux jimplimentaw skema ta’ pensjoni kif kontemplata fl-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-regolamenti relattivi, pero’ dan ma setghax isir billi kien hemm haddiema li kienu gejjin minn varji setturi u ghalhekk kellhom kondizzjonijiet tax-xoghol differenti. Ghal finijiet tal-imsemmija pretensjonijiet tal-atturi dan kollu u rrilevanti u immaterjali. Li hu importanti hu li l-konvenuti obbligaw ruhhom versu l-atturi li jimplimentaw skema ta’ pensjonijiet. Jekk tali skema ma setghetx tigi introdotta fil-konfront ta’ haddiema ohra, din hi kwestjoni ghal kollox irrilevanti ghall-istess atturi. Il-kelma “similar” fil-klawsola in kwestjoni u l-kliem “it is understood” fl-istess klawsola appuntu jindikaw li l-konvenuti obbligaw ruhhom li jvaraw l-iskema in kwestjoni u l-istess kliem huma ukoll indikattivi li l-partijiet kellhom f’mohhom il-forma li kellha tiehu l-istess skema. L-imsemmija kliem ma jindikawx, kif qed isostnu il-konvenuti, li l-istess konvenuti nghataw diskrezzjoni wiesgha f’dan ir-rigward.

Lanqas ma hemm dubju, li jekk il-konvenuti jirrifjutaw li joqoghdu ghall-obbligi minnhom assunti, l-Qorti tista’ tordna li ghandha tidhol fis-sehh skema ta’ pensjoni tas-servizz fuq il-parametri miftiehma mill-partijiet u b’sehh kif jigi ordnat mill-istess Qorti.

L-iskema tal-pensjoni kellha tkun “bhal” jew “simili” dik tal-Gvern, li, fl-essenza taghha kienet pensjoni non kontributorja u kienet tinghata wara ghaxar snin servizz. L-ammont tal-pensjoni kien sa massimu ta’ zewg terzi tas-salarju. Dan hu l-qafas tal-iskema, li kellha tigi introdotta bil-ftehim tal-1975, bil-proviso li dawk il-haddiema li kellhom il-fuq minn 50 sena u, kwindi, kienu ser jaghtu anqas minn ghaxar snin servizz, xorta wahda jkunu intitolati ghal pensjoni. Ma hemmx dubju li l-Qorti tista’ u ghandha taghmel tajjeb ghan-nuqqas tal-konvenuti li

jesegwixxu dak li obbligaw ruhhom li jwettqu u, ghalhekk, ghandha d-dover, fic-cirkostanzi relevanti tal-kaz, li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-konvenuti, liema diskrezzjoni huma ghazlu, bi ksur ta' l-obbligu kontrattwali taghhom, li ma jesercitawx. In fatti l-konvenuti ghal tul ta' zmien mhux hazin lanqas biss ippruvaw joqoghdu ghall-obbligi taghhom u lanqas qatt ma ttantaw jesercitaw id-diskrezzjoni li qed jippretendu li nghataw.

Din l-iskema tal-pensjoni trid tinkorpora l-artikoli bazici u originali tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, partikolarment l-artikoli 6, 7, 10, 12, u 13 sa 18, bl-emendi maqbula fil-ftehim tal-1975. Ikun ta' vantagg ghall kull minn hu koncernat li d-dettalji ta' din l-iskema, qabel ma tigi varata, jigu diskussi mill-partijiet koncernati. Jekk il-konvenuti jibqghu inadempjenti il-Qorti ghandha tipprovdi u taghti r-rimedju adegwat skond il-ftehim in kwestjoni u skond it-talba tal-atturi hi. Jekk jigi accettat dak li qed jissottomettu l-konvenuti fis-sens li d-diskrezzjoni moghtija lilhom ma tistax tigi sostitwita lanqas mill-Qorti, dan jista' jwassal li parti li tkun obbligat ruhha li timplimenta xi skema tista' tevita facilment li toqghod ghall-obbligazzjoni assunta, haga din, li ma tistax tkun permessa sistema legali fejn tregi s-saltna tad-dritt.

Il-ftehim tal-1975 hu pjuttost car u ghalhekk il-Qorti tista' tghaddi biex tordna li l-ftehim, jew klawsola partikolari tieghu, jigi implimentat, dejjem tenut kont pero` ta' dak li kienu ftehmu l-partijiet. Kif gia' gie rilevat il-ftehim in kwestjoni jistabilixxi l-modalita' u l-kriterji kif kellha tigi implimentata l-klawsola in kwestjoni. Il-Qorti ghalhekk semplicement tkun qed twettaq dak li ftehmu fuqu l-partijiet.

Ghalhekk anke` dan il-hames aggravju ghandu jigi rigettat.

## Is-Sitt Aggravju tal-konvenuti

Il-konvenuti jhossu ruhhom aggravati in kwantu l-ewwel Qorti cahdet il-hames eccezzjoni taghhom li hi fis-sens li ai termini ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta ta' l-

1975 (Kap. 250) u l-Att li Jirregola t-Telekommunikazzjonijiet ta’ l-1997, illum l-Att li Jirregola l-Komunikazzjoni Elettronika (Kap. 399), il-konvenuti ma jistghux jimplimentaw skema ta’ pensjoni bhal dik in kwestjoni minghajr l-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli.

Jirrizulta li tali approvazzjoni la qatt ma ntalbet u wisq anqas giet koncessa. Hu rilevanti, f’dan il-kuntest, li l-konvenuti kienu ddecidew unilateralment li l-implimentazzjoni ta’ skema ta’ pensjoni ghall-atturi ma kienitx izjed necessarja u dana in vista ta’ l-introduzzjoni ta’ l-iskema nazzjonali tal-pensjoni fil-1979.

Sewwa rriteniet l-ewwel Qorti li semmai l-obbligu li tingieb l-approvazzjoni tal-Ministru jaqa’ fuq il-konvenuti u mhux fuq l-atturi. Ghalhekk kien obbligu tal-konvenuti li jitolbu tali approvazzjoni ministerjali.  L-obbligu li tigi varata skema ta’ pensjoni ma nholoqx bl-Att tal-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta, izda hu naxxenti mill-ftehim iffirmat fl-istess sena ukoll mill-konvenuti. Semmai kien l-obbligu tal-konvenuti li jitolbu l-approvazzjoni tal-Ministru u ma kienx l-obbligu tal-atturi. L-iskema tal-pensjoni in kwestjoni ma gietx varata mhux ghaliex il-Ministru ma approvax l-iskema, izda ma saritx ghaliex il-konvenuti unilateralment u irregolarment iddecidew li ma jimplimentawx l-iskema.

Fi kwalunkwe kaz, kif irrimarkat l-ewwel Qorti, il-firma tal-Ministru fuq il-ftehim ta’ l-1975 u fuq il-ftehim tal-1981 tindika li l-Ministru ta’ dak iz-zmien kien ta l-kunsens tieghu u kien b’hekk approva l-introduzzjoni ta’ skema ta’ pensjoni tas-servizz ghall-atturi.

F’dan ir-rigward il-konvenuti jippretendu li l-firma tal-Ministru ta’ dak iz-zmien fil-ftehim tal-1975 mhux ekwivalenti ghall-approvazzjoni mehtiega skond l-imsemmija ligijiet u lanqas ma jista’ jinghad li l-Ministru ta l-approvazzjoni tieghu ghall-forma li tali skema ta’ pensjoni kellha tiehu fil-konkret. Din is-sottomissjoni tal-konvenuti, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti mhux korretta.  Il-fatt li l-Ministru ta’ dak iz-zmien iffirma l-ftehim kjarament jindika

li l-istess Ministru kien qed japprova l-istess ftehim tal-1975 inkluza il-klawsola 8 rigwardanti l-pensjoni. Inoltre l-istess klawsola ddefinit liema forma kellha tiehu l-pensjoni in kwestjoni u tali forma giet ukoll approvata mill-istess ministru meta ffirma l-istess ftehim.

Ghalhekk anke s-sitt aggravju ma jistax jigi akkolt.

**Is-Seba' u l-ahhar aggravju tal-konvenuti**

Il-konvenuti jissottomettu li l-ewwel Qorti ma kellhiex tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif eccepita mill-istess konvenuti. L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni, li kienet tghamel referenza ghall-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, peress li rriteniet li dan l-artikolu ghandu jinghata interpretazzjoni ristretta in relazzjoni mat-termini tal-istess artikolu. L-ewwel Qorti sostniet tajjeb li l-atturi mhux qed jagixxu biex jirrivendikaw xi kreditu fi flus jew kreditu li ghandu l-istess natura bhal flus. L-ewwel Qorti kienet korretta meta f'dan ir-rigward ghamlet distinzjoni bejn l-effett ta' l-obbligazzjoni u r-rimedju li l-atturi qed jitolbu. L-obbligazzjoni fil-kaz odjern hi li tigi introdotta skema ta' pensjoni ghar-rigward tal-atturi u r-rimedju huwa li tali pensjoni tigi varata u dan a beneficcju tal-istess atturi.

Dan ovvjament ifisser li l-pensjoni in kwestjoni trid tibda tithallas lill-atturi meta dawn jirtiraw mix-xoghol. Ghalhekk skond il-konvenuti f'kaz li jirrizulta ksur ta' l-obbligazzjoni r-rimedju hu biss li jigi ordnat lill-konvenuti li jhallsu il-pensjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti din is-sottomissjoni tal-konvenuti mhux korretta peress li r-rimedju hu li l-konvenuti jigu ordnati li joqoghdu ghall-obbligazzjoni minnhom assunta u kwindi li jvaraw l-iskema in kwestjoni. Ir-rimedju li qed jintalab mhux specifikament li l-konvenuti jhallsu l-pensjoni meta l-atturi jirtiraw. Ghalhekk hemm differenza bejn il-kaz in esami u kaz iehor fejn persuna tobbliga ruhha a favur ta' persuna ohra li jsir hlas ta' somma ta' flus.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-artikolu citat mill-konvenuti ma japplikax ghall-kaz in ezami. F'dan ir-rigward il-konvenuti ccitaw il-

provedimenti ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Gie ritenut li l-frazi uzata f’dan l-artikolu cioe «other causes» minghajr ebda definizzjoni ohra, tikkomprendi krediti konvenzjonali u kwazi-kontrattwali, kif ukoll krediti naxxenti mill-ligi jew minn kawzi ohra kapaci skond il-ligi li jaghtu lok ghal kreditu esperibbli b’azzjoni. Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dan l-artikolu japplika biss ghall-krediti li huma espressi f’termini ta’ flus kontanti. Il-Qrati taghna dejjem irritenew li l-artiklu in kwestjoni m’ghandux jinghata interpretazzjoni wiesgha. Il-kliem “kull kreditu iehor” gie dejjem interpretat li jirreferi ghal kreditu ta’ flus jew kreditu li n-natura tieghu hi flus. Ma japplikax ghal kull obbligazzjoni in generali. Zgur li ma japplikax ghall-obbligazzjoni «di fare» bhal fil-kaz in ezami.

F’dawn il-proceduri l-kreditu pretiz mhux flus. L-atturi qed jitolbu li l-konvenuti joqoghdu ghall-obbligi taghhom naxxenti mill-ftehim in kwestjoni. In konsegwenza ta’ dan kollu il-pretensjoni tal-konvenuti li t-talba ta’ l-atturi ghall-implimentazzjoni ta’ skema ta’ pensjoni llum tinsab preskritta ma tirrizultax u b’hekk dan l-aggravju ukoll ma jistax jigi akkolt. .

Ghalhekk dan l-aggravju ukoll ghandu jigi michud.

**L-aggravji tal-atturi**

Kif gia ntqal l-atturi ukoll hassew ruhhom aggravati b’dik il-parti tas-sentenza fejn gie dikjarat li l-agir tas-socjeta` konvenuta ma kienx wiehed diskriminatorju, kif ukoll bid-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn it-tieni eccezzjoni giet akkolta in parte u b’hekk t-talbiet ta’ xi whud mill-atturi ma gewx akkolti.

**L-ewwel aggravju tal-Atturi**

L-ewwel aggravju tal-atturi jirreferi ghal dik il-parti tas-sentenza fejn giet akkolta d-disa’ eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u konsegwentement giet michuda t-talba tal-atturi ghad-dikjarazzjoni li l-agir tal-konvenuti kien wiehed diskriminatorju.

F’dan ir-rigward il-pretensjoni tal-atturi jirreferu ghall-fatt li fl-2002 il-pensjoni tas-servizz li kienu jgawdu minnha haddiema ohra tal-konvenuti gie protett permezz ta’ ligi.

Meta jkun hemm allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni jrid jigi ppruvat li min qed jaghmel tali allegazzjoni gie trattat b’mod differenti minn kif gew trattati persuni ohra li kienu fl-istess posizzjoni. Il-principju hu li quddiem il-ligi kullhadd hu l-istess u konsegwentement jesisti d-dritt fundamentali tan-non-diskriminazzjoni.

Gie ritenut li mhux kull trattament inugwali jammonta ghal diskriminazzjoni. Ghalhekk in generali jista’ jirrizulta li hemm agir diskriminatorju jekk kazijiet ugwali jew persuni f’sitwazzjoni ugwali jigu trattati b’mod differenti u inoltre ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti. Hu ovvju pero` li kull kaz ghandu jigi trattat skond ic-cirkostanzi specjali tieghu.

Mill-provi ma jirrizultax li l-atturi gew trattati b’mod diskriminatorju mill-konvenuti. Il-lanjanza tal-atturi tidher li tirrigwarda l-fatt li d-dritt ghal pensjoni tas-servizz tal-impjegati tal-Gvern gie protett b’ligi. Ghalhekk ma jistax jinghad li kienu l-konvenuti li ttrattaw b’mod differenti lill-atturi fil-konfront ta’ impjegati ohra tal-istess konvenuti. Semmai l-imsemmija protezzjoni li hi l-bazi tal-lamenti tal-atturi nghatat b’ligi u l-konvenuti ma kellhom x’jaqsmu xejn ma’ din il-ligi. Ghalhekk il-konvenuti ma jistghu qatt ikunu ritenuti li agixxew b’mod diskriminatorju.

Ma jirrizulta ebda agir illegali f’dan is-sens fil-konfront tal-atturi.

In vista ta’ dan kollu hi l-opinjoni ta’ din il-Qorti li sewwa ghamlet l-ewwel Qorti li laqghat l-eccezzjoni in kwestjoni tal-konvenuti u konsegwentement giet michuda t-talba tal-atturi li jigi dikjarat li l-agir tal-konvenut kien diskriminatorju fil-konfront taghhom.

Dan l-ewwel aggravju tal-atturi ghalhekk ma jistax jigi akkolt.

**It-tieni aggravju tal-Atturi**

It-tieni aggravju ta’ l-atturi jirreferi ghal dik il-parti tal-ewwel sentenza fejn giet akkolta in parte t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta. F’dan ir-rigward issir referenza ghal dak kollu li ntqal fil-presenti sentenza dwar it-tielet aggravju tal-konvenuti. Ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi billi taqbel mas-sottomissjonijiet tal-atturi f’dan ir-rigward u kwindi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi michuda fil-konfront tal-atturi kollha u b’hekk it-talbiet tal-atturi kollha ghandhom jigu akkolti.

**Konkluzjoni**

In vista ta’ dak kollu li gie premess l-appell tal-konvenuti ma jistax jigi akkolt u b’hekk l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti ghandhom jigu michuda bl-eccezzjoni tad-disa’ eccezzjoni li ghandha tigi akkolta u konsegwentement it-talba sabiex jigi dikjarat li l-konvenuti agixxew b’mod diskriminatorju ghandha tigi michuda. L-appell tal-atturi ghandu jigi akkolt in kwantu li t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi michuda fil-konfront tal-atturi kollha u konsegwentement it-talbiet attrici fil-meritu ghandhom jigu akkolti fil-konfront tal-atturi kollha.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi fid-dawl ta’ dak li intqal qabel dwar l-eccezzjonijiet numru wiehed, sitta u tmienja, tikkonferma s-sentenza appellata fejn giet akkolta d-disa’ eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta u konsegwentement giet michuda it-talba tal-atturi ghal dikjarazzjoni li l-agir tas-socjeta` konvenuta huwa wiehed diskriminatorju; tikkonferma l-istess sentenza fejn gew michuda l-eccezzjonijiet numru tlieta, erbgha, hamsa, sebgha u ghaxra u tirriforma s-sentenza appellata billi t-tieni eccezzjoni qed tigi michuda fil-konfront tal-atturi kollha u b’hekk ir-rimanenti talbiet tal-atturi kollha qed jigu akkolti fil-konfront tal-atturi kollha u tipprefiggi terminu ta’ tlett xhur millum biex il-konvenuti jimplimentaw skema ta’ pensjoni ghall-atturi kollha a bazi

tal-ftehim li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1975, liema skema ghandha titqies li ddahlet in operazzjoni fl-1 ta' Jannar, 1975. L-iskema ghandha jkollha bhala l-qafas taghha l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93), salv il-modifiki pattwiti, tkun non kontributorja u bl-ammont tal-pensjoni jkun sa massimu ta' zewg terzi ta' l-ahhar salarju tal-impjegat koncernat; f'kaz li l-konvenuti jonqsu li jimplimentaw l-imsemmija skema tal-pensjoni fiz-zmien moghti, qed jigi ordnat li l-iskema ghandha titqies implimentata b'effett ta' din is-sentenza u ghandha titqies li dahlet fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1975, u ghandha titqies li tkun tikkomprendi l-artikoli 6, 7, 10, 12 u 13 sa 18, tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), bil-modifiki mehtiega minhabba c-cirkustanzi partikolari tal-kaz u bil-modifiki mehtiega minhabba dak li gie espressament pattwit fil-ftehim li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1975.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif deciz fis-sentenza appellata, filwaqt li l-ispejjez kollha ta' dan l-apppell ghandhom jithallsu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-konvenuti u kwantu ghar-rimanenti kwart (1/4) mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------